IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 13.7.2011
KUMM(2011) 425 finali

2011/0195 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar il-Politika Komuni tas-Sajd

{SEG(2011) 891 finali}
{SEG(2011) 892 finali}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Il-Kuntest Ġenerali**

Fl-2009, il-Kummissjoni analizzat il-funzjonament tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) fuq il-bażi tal-Green Paper dwar ir-Riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd[1]. Il-Kummissjoni kkonkludiet li minkejja l-progress li sar mir-riforma tal-2002, ma ntlaħqux l-għanijiet sabiex jinkiseb sajd sostenibbli fid-dimensjonijiet kollha tiegħu (ambjentali, ekonomiċi u soċjali) u l-Green Paper identifikat sensiela ta' nuqqasijiet strutturali fil-PKS preżenti. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri appoġġaw din il-konklużjoni.

Diversi kontribuzzjonijiet matul id-dibattitu pubbliku bejn April 2009 u Novembru 2010, kif ukoll studji u evalwazzjonijiet speċifiċi, ikkonfermaw ukoll il-valutazzjoni ġenerali fil-Green Paper u għenu sabiex jiġu identifikati d-dgħufijiet li għandhom jiġu indirizzati permezz tar-riforma.

- **Ir-raġunijiet u l-għanijiet tal-proposta**

Il-Politika Komuni tas-Sajd teħtieġ riforma fundamentali billi jitħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) attwali Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni tas-Sajd, u jiġi sostitwit fl-1 ta' Jannar 2013 b'PKS ġdida adottata mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fuq il-bażi ta' din il-proposta.

Il-problemi prinċipali tal-PKS huma:

– In-nuqqas ta' konċentrazzjoni fl-għanijiet dwar is-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali.

– Il-livelli għoljin b'mod inaċċettabbli ta' skartar ta' ħut.

– Il-kapaċità żejda tal-flotta, is-sajd żejjed, il-qabdiet totali permissibbli (TACs) li huma stabbiliti f'livell għoli ħafna, u n-nuqqas ta' konformità wasslu biex maġġoranza kbira tal-istokkijiet tal-Unjoni qegħdin jiġu sfruttati żżejjed.

– Il-profittabbiltà baxxa u r-reżiljenza ekonomika baxxa għal għadd sinifikanti ta' flotot.

– L-integrazzjoni insuffiċjenti tal-interessi ambjentali fil-politika.

– In-nuqqas ta' dejta affidabbli biex jiġu vvalutati l-istokkijiet u l-flotot kollha.

– Appoġġ finanzjarju pubbliku sostanzjali lis-sajd li ma jikkontribwixxix sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-PKS.

– Il-livell baxx ta' attrazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd u t-tnaqqis ta' xi komunitajiet kostali li jiddependu mis-sajd.

---

[1] COM(2009)163 finali tat-22 ta' April 2009

– Mikroġestjoni minn fuq għal isfel fuq livell tal-Unjoni, nieqsa mill-flessibbiltà u l-addattament għall-kundizzjonijiet lokali u reġjonali.

– L-iżvilupp insuffiċjenti tal-akkwakultura fl-Unjoni.

– Il-leġiżlazzjoni u l-ġestjoni jqumu ħafna flus u huma estremament kumplessi, fatturi li jrawmu n-nuqqas ta' konformità.

– Il-politika kummerċjali li qiegħda taffaċċja l-isfida tal-globalizzazzjoni u ż-żieda fl-interdipendenza.

Din il-proposta għal regolament bażiku ġdid hija ġustifikata minħabba li hemm il-ħtieġa li:

– jiġu rriveduti l-għanijiet tal-PKS.

– titjieb il-konsistenza bejn l-inizjattivi ta' politika koperti mill-PKS.

– jiġu ppreservati aħjar ir-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, b'mod partikolari għall-pjanijiet multiannwali għall-ġestjoni tas-sajd, u sabiex jintemm l-iskartar tal-ħut.

– issir kontribuzzjoni għall-politiki dwar l-ekosistemi u dawk ambjentali taħt il-PKS.

– isir provvediment għar-reġjonalizzazzjoni tal-miżuri fuq approċċ dwar il-baċiri tal-baħar taħt il-pilastru tal-konservazzjoni.

– jissaħħu l-ġbir ta' dejta u l-parir xjentifiku għall-bażi tal-għarfien tal-politika dwar il-konservazzjoni.

– il-politika esterna tiġi integrata b'mod sħiħ fil-PKS.

– jiġi promoss l-iżvilupp tal-akkwakultura.

– tiġi rriformata l-politika dwar is-suq komuni tal-PKS.

– tiġi pprovduta bażi legali għal strument finanzjarju ġdid sal-2014 li jsostni l-għanijiet tal-PKS u l-Aġenda 2020 tal-UE.

– jiżdied aktar u jiġi organizzat aħjar l-involviment tal-partijiet interessati.

– ir-reġim ġdid ta' kontroll li ġie adottat dan l-aħħar jiġi inkorporat fil-PKS.

L-għan ġenerali tal-proposta huwa li jiġu żgurati attivitajiet ta' sajd u akkwakultura li jipprovdu kundizzjonijiet ambjentali sostenibbli fit-tul u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel. Il-politika għandha tkun immirata lejn sfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar li jreġġa' lura u jżomm ir-riżorsi tal-ħut f'livelli li jistgħu jipproduċu rendiment massimu sostenibbli, sa mhux aktar tard mill-2015. Il-PKS għandha timplimenta l-approċċi prekawzjonarji u tal-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd.

Flimkien ma' din il-proposta, il-Kummissjoni se tadotta Komunikazzjoni ġenerali dwar il-Politika Komuni tas-Sajd tal-futur, proposta għal Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, Komunikazzjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-PKS, u rapport dwar partijiet speċifiċi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-

20 ta’ Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni tas-Sajd.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta’ Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni tas-Sajd huwa l-qafas regolatorju ġenerali attwali għall-PKS. Din il-proposta għandha tieħu post dak ir-Regolament.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 tat-30 ta’ Marzu 1998 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar[2].

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta’ Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura[3].

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 tal-21 ta’ Diċembru 2005 għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1434/98 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 88/98[4].

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta’ Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd[5].

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta’ Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran, li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94[6].

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 tal-25 ta’ Frar 2008 dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data [dejta] fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni tas-Sajd[7].

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta’ Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999[8].

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta’ Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE)

2 ĠU L 125, 27.4.1998, p. 1.
3 ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22
4 ĠU L 349, 31.12.2005, p. 1.
5 ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1.
6 ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11.
7 ĠU L 60, 5.3.2008, p. 1.
8 ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006[9].

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (KE) Nru 2004/585 tad-19 ta' Lulju 2004 li tistabbilixxi Kunsilli Konsultattivi Reġjonali taħt il-Politika Komuni tas-Sajd[10].

- **Konsistenza mal-politiki u l-għanijiet l-oħra tal-Unjoni**

Il-proposta u l-għanijiet tagħha huma konsistenti ma' politiki oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari l-politiki ambjentali, soċjali, reġjonali, dwar l-iżvilupp, l-agrikoltura, is-suq u l-kummerċ, finanzjarji, dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni, is-saħħa u l-protezzjoni tal-konsumatur, u l-għanijiet tagħhom.

## 2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

*Metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi prinċipali fil-mira u profil ġenerali ta' min offra reazzjoni*

Matul l-2009 u l-2010 l-konsultazzjoni dwar ir-riforma permezz ta' kontribuzzjonijiet fuq l-internet u diversi laqgħat ta' diskussjoni mal-partijiet interessati żvelat appoġġ ġeneralizzat għar-riforma. Il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni wkoll issottometew opinjonijiet dwar il-Green Paper. Il-Kunsill tal-Ministri ddiskuta r-riforma diversi drabi. Il-konsultazzjoni pubblika nġabret fil-qosor f'*Sintesi tal-Konsultazzjoni dwar ir-Riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd*[11]. [Traduzzjoni mhux uffiċjali]

*Sommarju tar-risposti u kif ġew ikkunsidrati*

Is-simplifikazzjoni, l-addattament tat-teħid tad-deċiżjonijiet skont it-Trattat ta' Lisbona, it-tisħiħ tal-approċċ fuq żmien twil għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi fosthom l-indirizzar tal-problema tal-iskartar tal-ħut, ir-reġjonalizzazzjoni, l-involviment akbar tal-partijiet interessati u r-responsabbiltà akbar tal-industrija kienu fiċ-ċentru tar-reazzjonijiet. L-istabbiltà relattiva hija ġeneralment meqjusa bħala pilastru ċentrali tal-PKS, speċjalment mill-Istati Membri. L-attivitajiet tas-sajd fuq skala żgħira u kostali jitqiesu bħala importanti iżda ftit intwera appoġġ għall-idea ta' reġim differenzjat lil hinn mid-dispożizzjonijiet legali attwali. Approċċi għall-ġestjoni tal-flotta li jkunu bbażati iżjed fuq is-suq u l-politika tas-suq tqiesu minn bosta bħala fatturi utli għas-sostenibbiltà. Fir-rigward tal-politika esterna u l-azzjonijiet internazzjonali kienet rikonoxxuta l-ħtieġa ta' allinjament sħiħ mal-prinċipji u l-għanijiet tal-PKS. Intwera appoġġ qawwi għal immirar iżjed strett tal-finanzjament pubbliku għall-għanijiet tal-politika. L-akkwakultura tqieset bħala importanti f'bosta kontribuzzjonijiet.

Il-Kummissjoni, fl-iżvilupp tal-proposta tagħha, qieset sewwa l-kontribuzzjonijiet fil-konsultazzjoni, b'mod partikolari dwar il-ħolqien tal-kundizzjonijiet ambjentali għas-sostenibbiltà u l-konsolidazzjoni tal-għan tar-rendiment massimu sostenibbli, perspettiva msaħħa fuq żmien twil, ir-reġjonalizzazzjoni u l-involviment akbar tal-partijiet interessati, u l-

[9] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
[10] ĠU L 256, 3.8.2004, p. 17.
[11] SEC(2010)428 finali tas-16 ta' April 2010

introduzzjoni ta' strumenti bbażati aktar fuq is-suq filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi tal-flotot fuq skala żgħira. L-importanza tal-akkwakultura hija riflessa wkoll fil-proposta.

- **Ġbir u użu ta' kompetenza esperta**

Għall-iżvilupp tal-proposti ntużat kompetenza esperta esterna kif ukoll l-għarfien eżistenti dwar il-politika, fosthom parir (annwali) mill-ICES u l-STECF flimkien ma' sensiela ta' studji u proġetti ta' riċerka. Il-parir espert u l-istudji pubblikament disponibbli huma ppubblikati fuq is-sit elettroniku tad-DĠ MARE.

- **Valutazzjoni tal-Impatt**

Għall-eżerċizzju ta' Valutazzjoni tal-Impatt ġew identifikati alternattivi differenti għall-pakkett ta' riforma tal-PKS. L-alternattivi kollha jinkludu s-sostenibbiltà ambjentali bħala prekundizzjoni għas-sostenibbiltà globali. Metodoloġikament, l-analiżi tal-impatti kienet appoġġata minn indikaturi tal-prestazzjoni biex ikejlu l-impatti tal-alternattivi. L-impatti tal-alternattivi kollha ġew analizzati u mqabbla ma' analiżi tal-hekk imsejħa alternattiva tal-*istatus quo*. Dan ippermetta l-identifikazzjoni taż-żewġ alternattivi ppreferuti kif indikat fir-rapport IA. Iż-żewġ alternattivi huma simili billi jiffukaw fuq is-sostenibbiltà ambjentali filwaqt li joħolqu flessibbiltà suffiċjenti biex jagħtu lis-settur tas-sajd żmien sabiex jaddatta għall-għanijiet ambjentali ambizzjużi.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

**Bażi legali**

L-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

**Prinċipju tas-sussidjaretà**

Id-dispożizzjonijiet fil-proposta relatati mal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jaqgħu taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni, u għalhekk il-prinċipju tas-sussidjaretà ma japplikax għal dawk id-dispożizzjonijiet.

Il-kompetenza dwar id-dispożizzjonijiet fil-proposta relatata mal-akkwakultura u l-ħtieġa li jiġu stabbiliti linji gwida strateġiċi tal-Unjoni dwar prijoritajiet u miri komuni għall-iżvilupp ta’ attivitajiet tal-akkwakultura tinqasam bejn l-Unjoni u l-Istati Membri. Linji gwida strateġiċi tal-Unjoni li mhumiex vinkolanti se jiffurmaw il-bażi għal pjanijiet strateġiċi nazzjonali multiannwali, filwaqt li jitqies li l-għażliet strateġiċi li jsiru fuq il-livell nazzjonali jistgħu jħallu impatt fuq l-iżvilupp ta' attivitajiet tal-akkwakultura fi Stati Membri tal-viċinat. Id-dispożizzjonijiet tal-proposta relatati mal-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq jaqgħu taħt il-kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri. L-għanijiet għall-organizzazzjoni komuni tas-suq jinkludu żieda fil-kompetittività tal-industrija tas-sajd u l-akkwakultura tal-Unjoni, titjib fit-trasparenza tas-swieq u l-kontribuzzjoni għall-iżgurar ta’ kundizzjonijiet ekwi għall-prodotti kollha kkumerċjalizzati fl-Unjoni. Biex jinkisbu dawn l-għanijiet, hemm bżonn li l-miżuri, li jinkludu l-organizzazzjoni tal-industrija inklużi miżuri għall-istabbiliment tas-swieq u l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni, u r-rekwiżiti ta’ informazzjoni għall-konsumatur, ikunu konsistenti madwar l-Unjoni kollha. Għalhekk, il-proposta tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà.

**Prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni li ġejja:

Il-Politika Komuni tas-Sajd hija politika komuni u għalhekk għandha tiġi implimentata permezz ta' Regolament adottat mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Huwa neċessarju u xieraq sabiex jintlaħaq l-għan bażiku li jiġu żgurati industriji tas-sajd u tal-akkwakultura li jipprovdu kundizzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u sostenibbli fit-tul u jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel, biex jiġu stabbiliti regoli dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak il-għan.

Permezz tal-approċċ reġjonalizzat propost, l-Istati Membri se jkollhom is-setgħa li jadottaw il-miżuri ta' konservazzjoni u tekniċi meħtieġa sabiex jintlaħqu l-għanijiet u l-miri stipulati fir-Regolamenti adottati mil-leġiżlatur tal-Unjoni, abbażi tas-sett ta' miżuri disponibbli taħt il-politika dwar il-konservazzjoni tal-PKS. Dan għandu joħloq flessibbiltà reġjonali fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

Barra minn hekk l-Istati Membri jibqgħu ħielsa li jallokaw opportunitajiet tas-sajd allokati mill-Kunsill fost ir-reġjuni jew l-operaturi kif jaraw xieraq, u għalhekk l-Istati Membri għandhom spazju mdaqqas ta' manuvrar dwar deċiżjonijiet relatati mal-mudell soċjali/ekonomiku tal-għażla tagħhom biex jisfruttaw l-opportunitajiet tas-sajd allokati tagħhom.

## 4. ELEMENTI FAKULTATTIVI

- **Spjegazzjoni dettaljata tal-proposta**

Fil-proposta l-Kummissjoni tintroduċi bidliet sinifikanti fil-PKS. F'din it-taqsima, il-proposta hija spjegata fid-dettall.

**Dispożizzjonijiet Ġenerali**

L-għan ġenerali tal-PKS huwa li tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd u l-akkwakultura jipprovdu kundizzjonijiet ambjentali sostenibbli fit-tul, li huma prerekwiżit sabiex tinkiseb industrija tas-sajd ekonomikament u soċjalment sostenibbli li tikkontribwixxi għad-disponibbiltà tal-ikel. Il-valutazzjoni tal-impatt turi li miri ambizzjużi għar-riżorsi li jilħqu l-obbligu internazzjonali tal-Unjoni li jinkiseb rendiment massimu sostenibbli sal-2015 jistgħu jwasslu għal titjib ġenerali importanti fl-istokkijiet li jwassal għal titjib ekonomiku u soċjali sinifikanti. Dawn ir-riżultati pożittivi mill-valutazzjoni tal-impatt jenfasizzaw il-premessa tas-sostenibbiltà ekoloġika bħala rekwiżit għas-sostenibbiltà ekonomika u soċjali fit-tul.

It-tnaqqis fil-qabdiet mhux mixtieqa, it-tmiem tal-iskartar tal-ħut u t-tnaqqis tal-impatt negattiv fuq l-ekosistemi tal-baħar flimkien mal-approċċ prekawzjonarju u tal-ekosistemi għandhom jikkontribwixxu għall-istat ambjentali tajjeb tal-ibħra skont id-Direttiva Qafas dwar l-Istrateġija Marittima.

**Aċċess għall-ilmijiet**

Il-proposta tikkonferma l-prinċipju tal-aċċess indaqs għall-ilmijiet, filwaqt li tittratta b'mod ugwali l-bastimenti ta' pajjiżi terzi li għandhom aċċess għall-ilmijiet tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni tipproponi li testendi r-restrizzjonijiet attwali fuq id-dritt tas-sajd fi ħdan it-12-il mil nawtiku sal-2022. Dawn ir-restrizzjonijiet naqqsu l-pressjoni tas-sajd fl-iżjed żoni bijoloġikament sensittivi u kkontribwixxew għall-istabbiltà ekonomika għall-attivitajiet tas-sajd kostali fuq skala żgħira.

Il-Kummissjoni tipproponi li ddaħħal f'dan ir-regolament ir-restrizzjonijiet speċifiċi għall-100 mil nawtiku madwar l-Azores, Madejra u l-Gżejjer Kanarji, li attwalment huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003[12]. Huma ġustifikati sabiex jipproteġu s-sitwazzjoni bijoloġika sensittiva tal-ilmijiet madwar dawn il-gżejjer u fid-dawl tal-Artikolu 349 tat-Trattat, billi jqisu s-sitwazzjoni strutturali, soċjali u ekonomika u l-ħtieġa li tiġi ppreservata l-ekonomija lokali ta' dawn il-gżejjer.

**Konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar**

Il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar hija l-pilastru fundamentali sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-PKS.

Il-pjanijiet ta' ġestjoni multiannwali għall-ġestjoni tar-riżorsi f'livelli li jkunu kapaċi jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli huma fundamentali għall-konservazzjoni. Fejn ikun possibbli huma jeħtieġu li jimxu lejn pjanijiet ibbażati fuq is-sajd – li jkopru iżjed stokkijiet f'inqas pjanijiet. Stokkijiet li ma jaqgħux taħt pjanijiet huma mmaniġġjati permezz tal-iffissar ta' opportunitajiet tas-sajd mill-Kunsill u miżuri oħra.

It-tieni element fil-qalba tal-proposta ta' konservazzjoni huwa li tintemm il-prattika tal-iskartar tal-ħut u t-tnaqqis tal-qabdiet mhux mixtieqa. Il-proposta tintroduċi l-obbligu li jinħattu l-qabdiet kollha ta' stokkijiet speċifikati, bi skeda ta' żmien preċiża għall-implimentazzjoni u flimkien ma' miżuri laterali.

Il-proposta tkopri wkoll il-prinċipji ewlenin għall-miżuri tekniċi ta' konservazzjoni applikabbli għas-sajd.

Għall-pjanijiet multiannwali u l-miżuri tekniċi ta' konservazzjoni l-Kummissjoni tipprevedi bidla mill-mikroġestjoni mill-koleġislaturi. Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar dawn il-pjanijiet u miżuri jeħtieġ li tiddefinixxi l-elementi essenzjali, bħall-ambitu, il-miri, l-indikaturi tal-evalwazzjoni u l-iskedi taż-żmien. Il-Kummissjoni tipproponi deċentralizzazzjoni li tista' tawtorizza lill-Istati Membri jadottaw il-miżuri tekniċi u ta' konservazzjoni neċessarji biex jilħqu l-għanijiet u l-miri billi jużaw sett ta' miżuri skont il-politika dwar il-konservazzjoni. Dan għandu joħloq flessibbiltà u simplifikazzjoni reġjonali tal-politika. Il-proposta tinkludi dispożizzjonijiet sabiex jiżguraw li l-Istati Membri kkonċernati jadottaw miżuri li jkunu kompatibbli u effettivi. Huwa stabbilit mekkaniżmu ta' rkupru għal azzjoni mill-Kummissjoni f'każijiet fejn l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jaqblu, jew fejn il-miri ma jkunux qegħdin jintlaħqu.

Id-dispożizzjonijiet għal miżuri ta' emerġenza meta tkun mhedda l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, inżammu u ddaħħlet dispożizzjoni ġdida għal miżuri dwar is-sajd fil-kuntest tal-obbligi tal-liġi ambjentali tal-Unjoni. L-awtorizzazzjoni eżistenti lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri ta' konservazzjoni

12 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 dwar l-immaniġġjar [il-ġestjoni] tal-isforz għas-sajd li jirrigwarda ċerti żoni u riżorsi tas-sajd tal-Komunità u li jimmodifika r-Regolament (KE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 635/95 u (KE) Nru 2027/95

fiż-żona ta' 12-il mil nawtiku u miżuri applikabbli biss għall-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom kienet miżmuma fil-proposta.

**Aċċess għar-riżorsi**

L-introduzzjoni ta' sistema ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli se tikkostitwixxi fattur prinċipali għall-aġġustament tal-kapaċità tal-flotta. Il-valutazzjoni tal-impatt uriet kontribuzzjonijiet pożittivi u sinifikanti ċari minn tali sistema ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli sabiex tiġi eliminata l-kapaċità żejda u jittejbu r-riżultati ekonomiċi tal-industrija tas-sajd.

Il-proposta tintroduċi sistema obbligatorja ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli (fuq l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet regolati) mill-2014 għall-bastimenti kollha għajr il-bastimenti ta' inqas minn 12-il metru b'irkaptu passiv. B'rikonoxximent tal-karatteristiċi speċifiċi u l-vulnerabbiltà soċjoekonomika ta' xi flotot fuq skala żgħira, l-għażla dwar l-introduzzjoni ta' konċessjonijiet tas-sajd għall-bastimenti li jifdal se titħalla f'idejn l-Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu jirregolaw konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli biex jiżguraw rabta fil-qrib bejniethom u l-komunitajiet tas-sajd (pereżempju, billi jillimitaw it-trasferibbiltà bejn is-segmenti tal-flotta) u għall-prevenzjoni tal-ispekulazzjoni Sabiex tiġi rispettata u tinżamm l-istabbiltà relattiva, it-trasferibbiltà ta' dawn il-konċessjonijiet tista' tiġi limitata għal bastimenti li jtajru l-istess bandiera. L-Istati Membri jistgħu joħolqu riserva u jintroduċu ħlas għall-konċessjonijiet, li f'kundizzjonijiet normali jistgħu jiġu rtirati mill-Istati Membri wara l-iskadenza tal-validità tagħhom jew invokazzjoni ta' twissija bikrija.

**Ġestjoni tal-kapaċità tas-sajd**

Inżamm l-obbligu ġenerali tal-Istati Membri li jaġġustaw il-kapaċità tal-flotta skont l-opportunitajiet tas-sajd. Politika bażika għall-ġestjoni tal-flotot tibqa' neċessarja b'limiti massimi ġenerali ta' kapaċità tas-sajd għal kull Stat Membru stabbiliti mill-Kummissjoni. Il-konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli għandhom jaċċelleraw it-tnaqqis fil-kapaċità tal-flotta, u dan jiġġustifika li l-Istati Membri għandhom jitħallew jeskludu bastimenti b'tali konċessjonijiet mil-limiti massimi tal-kapaċità. Għall-perjodu meta l-irtirar ta' bastimenti mis-servizz b'għajnuna pubblika jibqa' possibbli taħt il-Fond Ewropew għas-Sajd, iridu jibqgħu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet dwar it-tnaqqis fil-kapaċità tal-flotta. Ir-reġistri tal-flotot tal-Istati Membri u l-Kummissjoni se jiżguraw monitoraġġ u ġestjoni informata tal-flotot.

**Bażi xjentifika għall-ġestjoni tas-sajd**

Dejta affidabbli u sħiħa, kemm għal parir xjentifiku kif ukoll għal skopijiet ta' implimentazzjoni u kontroll, hija ċentrali għal ġestjoni tas-sajd li taħdem sewwa. Il-proposta tistabbilixxi r-regoli u l-obbligi bażiċi għall-Istati Membri dwar il-ġbir tad-dejta, il-ġestjoni, id-disponibbiltà tad-dejta u d-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-Kummissjoni. Il-ħtieġa ta' koordinazzjoni tal-ġbir tad-dejta bejn l-Istati Membri f'kuntest deċentralizzat hija raġuni ewlenija għaliex il-Kummissjoni introduċiet obbligu ta' koordinazzjoni reġjonali dwar il-ġbir tad-dejta.

Sabiex jittejbu l-kwalità, il-koerenza u s-sinerġija tal-isforzi fil-qasam tax-xjenza orjentata lejn il-politika, il-proposta tintroduċi wkoll dispożizzjonijiet għall-Istati Membri sabiex jadottaw programmi nazzjonali ta' ġbir ta' dejta dwar is-sajd u programmi xjentifiċi u ta' innovazzjoni u biex jikkoordinaw bejniethom, b'mod partikolari fid-dawl tal-qafas tal-Unjoni dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni.

**Politika esterna**

Il-politika esterna hija integrata fil-PKS sabiex ikun żgurat l-allinjament tal-għanijiet tagħha mal-prinċipji u l-għanijiet ġenerali tal-PKS. L-Unjoni għandha tipparteċipa attivament fil-ħidma tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs), kif ukoll ta' korpi multilaterali internazzjonali (NU, FAO) sabiex issaħħaħhom u ttejjeb il-prestazzjoni tagħhom fil-ġestjoni u l-konservazzjoni tal-istokkijiet internazzjonali tal-ħut. L-Unjoni għandha tippromwovi l-aħjar pożizzjonijiet disponibbli b'bażi xjentifika, il-kontribut għall-iżvilupp tal-għerf xjentifiku, u l-kooperazzjoni sabiex tissaħħaħ il-konformità fil-kuntest internazzjonali.

Ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi permezz ta' Ftehimiet dwar is-Sajd Sostenibbli (SFAs) huma mezz ieħor biex il-prinċipji u l-għanijiet tal-PKS jiġu promossi b'mod internazzjonali. L-SFAs għandhom jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' qafas ta' governanza ta' kwalità għolja fil-pajjiż imsieħeb, ikunu koerenti mal-għanijiet ta' politika tal-iżvilupp u jiffukaw fuq ġestjoni sostenibbli u trasparenti tar-riżorsi, monitoraġġ, sorveljanza u kontroll. Huma għandhom jiżguraw li l-isfruttar tar-riżorsi tas-sajd iseħħ fuq il-bażi ta' parir xjentifiku tajjeb li jimmira biss riżorsi żejda li l-pajjiż imsieħeb ma jkunx jista' jew ma jkunx irid jistad huwa stess. Bl-SFAs, il-pajjiżi msieħba għandhom jiġu kkumpensati għall-għoti tal-aċċess għar-riżorsi tas-sajd tagħhom u għandha tingħata għajnuna finanzjarja lill-pajjiżi msieħba għall-implimentazzjoni tal-politika sostenibbli tagħhom stess dwar is-sajd.

**Akkwakultura**

Il-PKS għandha tappoġġja l-iżvilupp ambjentalment, ekonomikament u soċjalment sostenibbli tal-industrija tal-akkwakultura. L-akkwakultura tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ikel u t-tkabbir u l-impjiegi fir-reġjuni kostali u rurali. Jista' jinkiseb progress serju meta l-Istati Membri jiżviluppaw pjanijiet strateġiċi nazzjonali fuq il-bażi ta' linji gwida strateġiċi tal-Unjoni biex jiffaċilitaw l-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura fir-rigward tas-sigurtà tan-negozju, l-aċċess għall-ilmijiet u l-ispazju, u s-simplifikazzjoni amministrattiva tal-liċenzjar. Teżisti dimensjoni ċara tal-Unjoni fl-iżvilupp tal-akkwakultura: l-għażliet strateġiċi magħmula fuq livell nazzjonali jista' jkollhom effett fuq tali żvilupp fi Stati Membri ġirien. Huwa essenzjali li l-Istati Membri jkollhom l-opportunità li jkunu jafu xi jkunu qegħdin jippjanaw Stati Membri oħra għall-iżvilupp futur tal-akkwakultura.

Il-Kummissjoni tħoss li n-natura speċifika tal-akkwakultura titlob entità ta’ konsultazzjoni fokalizzata mal-partijiet interessati, u f'dan ir-rigward tipproponi l-ħolqien ta' Kunsill Konsultattiv għall-Akkwakultura.

**Organizzazzjoni Komuni tas-Suq**

Jeħtieġ li l-organizzazzjoni tas-swieq komuni tikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet tal-PKS, sabiex l-industrija tkun tista' tapplika l-PKS fil-livell xieraq, u sabiex issaħħaħ il-kompetittività, b'mod partikolari tal-produtturi.

**Kontroll u Infurzar**

B'mod konsistenti mar-reġim ġdid ta' kontroll kif adottat bir-Regolamenti tal-Kunsill Nru 1005/2008 u Nru 1224/2009[13] il-proposta tintegra l-elementi bażiċi għar-reġim ta'

[13] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, u r-Regolament tal-Kunsill

kontroll u infurzar tal-Unjoni għall-konformità mar-regoli tal-PKS. Fid-dawl tal-introduzzjoni fil-parti dwar il-konservazzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art sabiex jiġi evitat l-iskartar tal-ħut, il-Kummissjoni tipproponi obbligi ta' monitoraġġ u kontroll b'mod partikolari fir-rigward ta' sajd dokumentat b'mod sħiħ, kif ukoll proġetti pilota dwar teknoloġiji ġodda għall-kontroll tas-sajd li jikkontribwixxu għal sajd sostenibbli.

**Strumenti Finanzjarji**

Sabiex iżżid il-konformità, il-proposta tintroduċi kundizzjonijiet għall-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni li tista' tingħata sabiex tikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet tal-PKS. L-għajnuna finanzjarja se ssir kondizzjonali fuq l-osservanza tar-regoli, u dan il-prinċipju se japplika kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-operaturi. Għall-Istati Membri, in-nuqqas ta' konformità jista' jwassal għall-interruzzjoni, is-sospensjoni jew il-korrezzjoni finanzjarja għall-għajnuna finanzjarja mill-Unjoni. Fil-każ tal-operaturi, ksur serju jista’ jwassal għall-projbizzjoni tal-aċċess għall-għajnuna finanzjarja jew għal tnaqqis finanzjarju. Barra minn hekk, il-proposta tintroduċi l-obbligu għall-Istati Membri, meta jagħtu għajnuna finanzjarja, li jqisu l-imġiba (b'mod partikolari n-nuqqas ta' ksur serju) tal-operaturi fil-passat riċenti.

**Kunsilli Konsultattivi**

Il-Kummissjoni tipproponi li tikkonsolida u fejn ikun possibbli testendi l-esperjenza bil-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali taħt il-PKS. Billi xi wħud minnhom m'għandhom l-ebda karattru jew limitazzjoni reġjonali, is-seba' kunsilli eżistenti jrid jinbidlilhom isimhom f'Kunsilli Konsultattivi, flimkien mal-ħolqien tal-Kunsill Konsultattiv għall-Akkwakultura. Meta jitqiesu l-ispeċifitajiet tal-Baħar l-Iswed, baċir tal-baħar magħluq kondiviż bejn erba’ stati li mhumiex membri tal-Unjoni, u meta jitqiesu d-diskussjonijiet għaddejjin mal-pajjiżi kollha li mhumiex tal-UE fil-Baħar l-Iswed sabiex jingħata parir dwar il-politika ta’ konservazzjoni u biex il-kooperazzjoni bejn ir-Rumanija, il-Bulgarija u l-ġirien tal-baċir tal-baħar tagħhom tingħata spinta 'l quddiem, il-Kummissjoni beħsiebha tistabbilixxi Kunsill Konsultattiv għall-Baħar l-Iswed sal-2015.

**Dispożizzjonijiet Finali**

L-aħħar parti tistabbilixxi l-oqsma għad-delegazzjoni tas-setgħat lill-Kummissjoni, l-eżerċizzju, ir-revoka u l-oġġezzjonijiet tagħha, kif ukoll l-istabbiliment ta' Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura fir-rigward tal-atti ta' implimentazzjoni. Tipproponi wkoll li tirrevoka u/jew temenda leġiżlazzjoni eżistenti rilevanti.

---

(KE) 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006

2011/0195 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-Politika Komuni tas-Sajd**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea[14],

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz ta' att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[15]

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002[16] stabbilixxa sistema Komunitarja għall-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni tas-Sajd.

(2) L-ambitu tal-Politika Komuni tas-Sajd jestendi għall-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-isfruttar tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar. Barra minn hekk, l-ambitu tal-Politika Komuni tas-Sajd jestendi fir-rigward ta' miżuri tas-suq u miżuri finanzjarji b'appoġġ għall-għanijiet tagħha, għar-riżorsi bijoloġiċi tal-ilma ħelu u l-akkwakultura, kif ukoll għall-ipproċessar u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, meta tali attivitajiet iseħħu fit-territorju tal-Istati Membri, jew fl-ilmijiet tal-Unjoni, inkluż minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta', u li jkunu rreġistrati f'pajjiżi terzi, jew minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, jew minn ċittadini tal-Istati Membri, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà primarja tal-Istat tal-bandiera, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 117 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar.

14 ĠU

15 ĠU

16 ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59

(3) Il-Politika Komuni tas-Sajd għandha tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd u l-akkwakultura jikkontribwixxu għal kundizzjonijiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali sostenibbli fit-tul. Barra minn hekk hija għandha tikkontribwixxi għal żieda fil-produttività, standard xieraq tal-għajxien għas-settur tas-sajd, swieq stabbli, tiżgura d-disponibbiltà tar-riżorsi u li l-provvisti jaslu għand il-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli.

(4) L-Unjoni hija Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 (UNCLOS)[17] u rratifikat il-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 relatat mal-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Tranżonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna tal-4 ta' Awwissu 1995 (il-Ftehim tan-NU dwar l-Istokkijiet tal-Ħut)[18]. Aċċettat ukoll il-Ftehim għall-Promozzjoni tal-Konformità mal-Miżuri Internazzjonali ta' Konservazzjoni u Ġestjoni minn Bastimenti tas-Sajd fl-Ibħra Miftuħa tal-24 ta' Novembru 1993 tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Alimentazzjoni u l-Agrikoltura (il-Ftehim ta' Konformità tal-FAO)[19]. Dawn l-istrumenti internazzjonali b'mod predominanti jipprevedu obbligi ta' konservazzjoni, inklużi fost oħrajn obbligi biex jittieħdu miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni mfassla biex iżommu jew ireġġgħu lura r-riżorsi tal-baħar għal livelli li jistgħu jipproduċu rendiment massimu sostenibbli kemm fiż-żoni tal-baħar taħt ġurisdizzjoni nazzjonali kif ukoll fl-ibħra miftuħa, u biex jikkooperaw ma' Stati oħra għal dan il-għan, obbligi biex jiġi applikat b'mod wiesa' l-approċċ prekawzjonarju għall-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-isfruttar ta' stokkijiet tal-ħut, obbligi biex jiżguraw il-kompattibbiltà tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni fejn ir-riżorsi tal-baħar qegħdin f'żoni tal-baħar bi status ġurisdizzjonali differenti u obbligi biex ikun hemm qies xieraq għal użi leġittimi oħra tal-ibħra. Il-Politika Komuni tas-Sajd għandha tikkontribwixxi għall-qadi xieraq tal-Unjoni tal-obbligi internazzjonali tagħha skont dawn l-istrumenti internazzjonali. Fejn Stati Membri jadottaw miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni li ingħataw is-setgħa għalihom fil-qafas tal-Politika Komuni tas-Sajd, huma għandhom jaġixxu wkoll b'mod li huwa konsistenti għalkollox mal-obbligi internazzjonali ta' konservazzjoni u kooperazzjoni skont l-imsemmija strumenti internazzjonali.

(5) Fis-Summit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli li sar f'Johannesburg fl-2002, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha impenjaw ruħhom li jaġixxu kontra t-tnaqqis kontinwu ta' bosta stokkijiet ta' ħut. Għalhekk, l-Unjoni għandha ttejjeb il-Politika Komuni tas-Sajd tagħha sabiex tiżgura li bħala materja ta' prijorità, il-livelli ta' sfruttar tal-istokkijiet ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jitreġġgħu lura u jinżammu f'livelli li kapaċi jipproduċu rendiment massimu sostenibbli mill-popolazzjonijiet tal-istokkijiet maqbuda sal-2015. Fejn tkun disponibbli inqas informazzjoni xjentifika, dan jista' jitlob li jiġu applikati alternattivi għar-rendiment massimu sostenibbli.

(6) Il-miri tas-sajd ġew stipulati fid-Deċiżjoni mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Diversità Bijoloġika dwar il-Pjan Strateġiku għall-Bijodiversità 2011/2020[20], il-Politika Komuni tas-Sajd għandha tiżgura l-koerenza mal-miri tal-bijodiversità adottati mill-Kunsill Ewropew[21], u l-miri tal-Komunikazzjoni tal-

---

17 ĠU L 179, 23.06.1998, p. 1
18 ĠU L 189, 3.7.1998, p. 14
19 ĠU L 177, 16.7.1996, p. 24
20 Deċiżjoni COP X/2
21 UE CO 7/10 tas-26 ta' Marzu 2010.

Kummissjoni "L-assigurazzjoni ta' ħajjitna, il-kapital naturali tagħna: Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2020"[22], b'mod partikolari biex jinkiseb ir-rendiment massimu sostenibbli sal-2015.

(7) L-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar għandu jkun ibbażat fuq l-approċċ prekawzjonarju, li għandu jiġi derivat mill-prinċipju prekawzjonarju msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 191(2) tat-Trattat.

(8) Il-Politika Komuni tas-Sajd għandha tikkontribwixxi għall-protezzjoni u l-preservazzjoni tal-ambjent tal-baħar kompatibbli mal-kisba ta' status ambjentali tajjeb sa mhux aktar tard mill-2020 kif stipulat fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ambjent marin [tal-baħar] (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina [tal-baħar])[23].

(9) Jeħtieġ li jiġi implimentat approċċ ibbażat fuq l-ekosistema, l-impatti ambjentali tal-attivitajiet tas-sajd għandhom jiġu limitati u l-qabdiet mhux mixtieqa għandhom jiġu minimizzati u progressivament eliminati.

(10) Huwa importanti li l-ġestjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd tkun iggwidata minn prinċipji ta' governanza tajba. Dawk il-prinċipji jinkludu teħid tad-deċiżjonijiet ibbażat fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli, involviment wiesa' tal-partijiet interessati u perspettiva fit-tul. Il-ġestjoni b'suċċess tal-Politika Komuni tas-Sajd tiddependi wkoll fuq definizzjoni ċara tar-responsabbiltajiet fuq livelli tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali u fuq il-kompatibbiltà u l-konsistenza reċiproka tal-miżuri meħuda ma' politiki oħra tal-Unjoni.

(11) Il-Politika Komuni tas-Sajd għandha tagħti attenzjoni sħiħa, fejn hu rilevanti, għas-saħħa tal-annimali, għall-benesseri tal-annimali, is-sikurezza tal-ikel u l-għalf

(12) L-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd għandha tqis l-interazzjonijiet ma' kwistjonijiet oħra marittimi kif indirizzati mill-Politika Marittima Integrata[24], billi tirrikonoxxi li l-kwistjonijiet kollha relatati mal-oċeani u l-ibħra Ewropej huma interkonnessi, inkluż l-ippjanar tal-ispazju marittimu. Għandhom jiġu żgurati l-koerenza u l-integrazzjoni fil-ġestjoni ta' politiki settorjali differenti fi ħdan il-baċiri tal-Baħar Baltiku, il-Baħar tat-Tramuntana, l-Ibħra Ċeltiċi, il-Bajja ta' Biscay u l-Kosta tal-Iberja, il-Mediterran u l-Baħar l-Iswed.

(13) Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikollhom aċċess indaqs għall-ilmijiet u r-riżorsi tal-Unjoni suġġett għar-regoli tal-PKS.

(14) Ir-regoli fis-seħħ li jillimitaw l-aċċess għar-riżorsi fi ħdan iż-żoni ta' 12-il mil nawtiku tal-Istati Membri ħadmu b'mod sodisfaċenti u kienu ta' benefiċċju għall-konservazzjoni billi llimitaw l-isforz tas-sajd fl-iżjed parti sensittiva tal-ilmijiet tal-Unjoni. Dawk ir-regoli ppreservaw ukoll l-attivitajiet tradizzjonali tas-sajd li minnhom

22 COM(2011)244

23 ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19.

24 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea, COM(2007)575finali.

jiddependi ħafna l-iżvilupp soċjali u ekonomiku ta' ċerti komunitajiet kostali. Dawk ir-regoli għalhekk għandhom ikomplu japplikaw.

(15) Ir-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar madwar l-Azores, Madejra u l-Gżejjer Kanarji għandhom ikomplu jiġu protetti b'mod partikolari billi huma jikkontribwixxu għall-preservazzjoni tal-ekonomija lokali ta' dawn il-gżejjer, meta titqies is-sitwazzjoni strutturali, soċjali u ekonomika ta' dawk il-gżejjer. Għalhekk għandha tinżamm il-limitazzjoni ta' ċerti attivitajiet tas-sajd f'dawk l-ilma għal bastimenti tas-sajd irreġistrati fil-portijiet tal-Azores, Madejra u l-Gżejjer Kanarji.

(16) L-għan tal-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jintlaħaq b'mod iżjed effettiv permezz ta' approċċ multiannwali għall-ġestjoni tas-sajd, li jistabbilixxi bħala prijorità pjanijiet multiannwali li jirriflettu l-ispeċifiċitajiet ta' setturi differenti tas-sajd.

(17) Il-pjanijiet multiannwali għandhom fejn ikun possibbli jkopru diversi stokkijiet meta dawk l-istokkijiet jiġu sfruttati flimkien. Il-pjanijiet multiannwali għandhom jistabbilixxu l-bażi għall-istabbiliment ta' opportunitajiet tas-sajd u miri kwantifikabbli għall-isfruttar sostenibbli tal-istokkijiet u l-ekosistemi tal-baħar ikkonċernati, billi jiddefinixxu skedi ta' żmien ċari u mekkaniżmi ta' salvagwardja għal żviluppi mhux previsti.

(18) Hemm bżonn ta' miżuri sabiex jitnaqqsu u jiġu eliminati l-livelli għolja preżenti ta' qabdiet mhux mixtieqa u l-iskartar tal-ħut. Fil-fatt, il-qabdiet mhux mixtieqa u l-iskartar tal-ħut jikkostitwixxu skart sostanzjali u jaffettwaw ħażin l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u l-ekosistemi marittimi kif ukoll il-vijabbiltà finanzjarja tas-sajd. Għandu jiġi stabbilit u gradwalment implimentat obbligu ta' ħatt l-art tal-qabdiet kollha tal-istokkijiet immaniġġjati waqt l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni jew minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni.

(19) Il-ħatt l-art ta' qabdiet mhux mixtieqa ma għandhomx jirriżultaw f'vantaġġi ekonomiċi sħaħ għall-operatur. Għall-ħatt l-art ta' qabdiet ta' ħut taħt id-daqs ta' referenza minimu għall-konservazzjoni, id-destinazzjoni ta' qabdiet bħal dawn għandha tkun limitata u teskludi l-bejgħ għall-konsum mill-bniedem.

(20) Għall-ġid tal-konservazzjoni tal-istokkijiet għandhom jiġu applikati għanijiet ċari fir-rigward ta' ċerti miżuri tekniċi.

(21) Għal stokkijiet li għalihom ma ġie stabbilit l-ebda pjan multiannwali, għandhom jiġu żgurati rati ta' sfruttar li jagħtu rendiment massimu sostenibbli billi jiġu stabbiliti limiti ta' qbid u/jew tal-isforz tas-sajd.

(22) Minħabba l-qagħda ekonomika prekarja tal-industrija tas-sajd u d-dipendenza ta' ċerti komunitajiet kostali fuq l-attivitajiet tas-sajd, huwa neċessarju li tiġi żgurata l-istabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd permezz tal-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd bejn l-Istati Membri, fuq il-bażi ta' sehem prevedibbli ta' stokkijiet għal kull Stat Membru.

(23) Tali stabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd, minħabba s-sitwazzjoni bijoloġika temporanja tal-istokkijiet, għandha tħares il-ħtiġijiet partikolari ta' reġjuni fejn il-komunitajiet lokali jiddependu b'mod partikolari fuq is-sajd u l-attivitajiet relatati kif

deċiż mill-Kunsill fir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Novembru 1976, dwar ċerti aspetti esterni tal-ħolqien ta' żona tas-sajd ta' 200 mil fil-Komunità[25] b'effett mill-1 ta' Jannar 1977, u b'mod partikolari l-Anness VII tagħha. Għalhekk, huwa f'dan is-sens li għandu jinftiehem il-kunċett ta' stabbiltà relattiva fil-mira.

(24) L-Istati Membri għandhom ikunu f'pożizzjoni li jippreżentaw talbiet issostanzjati lill-Kummissjoni sabiex ifasslu miżuri skont il-Politika Komuni tas-Sajd għall-miżuri identifikati mill-Istati Membri bħala neċessarji sabiex jikkonformaw mal-obbligi fir-rigward taż-Żoni Speċjali ta' Protezzjoni skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/147/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi[26] iż-Żoni Speċjali ta' Konservazzjoni skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa[27] u ż-żoni protetti tal-baħar skont l-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina)[28].

(25) Il-Kummissjoni għandha tkun kapaċi tadotta miżuri temporanji f'każ ta' theddida serja, li tkun teħtieġ azzjoni immedjata, għall-konservazzjoni ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jew għall-ekosistema tal-baħar li tirriżulta minn attivitajiet tas-sajd.

(26) L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jadottaw miżuri ta' konservazzjoni u miżuri tekniċi għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd sabiex jippermettu l-politika tindirizza aħjar ir-realtajiet u l-ispeċifiċitajiet ta' setturi tas-sajd individwali u biex iżidu l-osservanza tal-politika.

(27) Fiż-żona ta' 12-il mil nawtiku tagħhom, l-Istati Membri għandhom jitħallew jadottaw miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni applikabbli għall-bastimenti tas-sajd kollha tal-Unjoni, bil-kundizzjoni li, fejn tali miżuri japplikaw għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni minn Stati Membri oħra, il-miżuri adottati ma jkunux diskriminatorji, tkun saret konsultazzjoni qabel ma' Stati Membri oħra interessati u li l-Unjoni ma tkunx adottat miżuri li jindirizzaw speċifikament il-konservazzjoni u l-ġestjoni fi ħdan dik iż-żona ta' 12-il mil nawtiku.

(28) L-Istati Membri għandhom jitħallew jadottaw miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għal stokkijiet fl-ilmijiet tal-Unjoni li jkunu applikabbli biss għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera tagħhom.

(29) Sistema ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli għall-maġġoranza tal-istokkijiet immaniġġjati taħt il-Politika Komuni tas-Sajd għandha tiġi implimentata sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013 għall-bastimenti kollha b'tul ta' 12-il metru jew aktar u l-bastimenti l-oħra kollha li jistadu b'irkaptu rmunkat. L-Istati Membri jistgħu jeskludu bastimenti ta' sa 12-il metru tul minbarra l-bastimenti li jużaw irkaptu rmunkat mill-konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli. Sistema bħal din għandha tikkontribwixxi għal tnaqqis fil-flotta u titjib fil-prestazzjoni ekonomika prodott mill-industrija filwaqt li fl-istess ħin toħloq konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli legalment siguri u esklużivi tal-opportunitajiet annwali tas-sajd ta' Stat Membru. Billi r-riżorsi

[25] ĠU C 105, 7.5.1981, p.1.
[26] ĠU L 103, 25.04.1979, p. 1.
[27] ĠU L 206, 22.07.1992, p. 7.
[28] ĠU L 164, 25.06.2008, p. 19

bijoloġiċi tal-baħar huma ġid komuni, il-konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli għandhom jistabbilixxu biss drittijiet għall-utent għal parti mill-opportunitajiet annwali tas-sajd ta' Stat Membru li jistgħu jiġu rtirati skont regoli stabbiliti.

(30) Il-konċessjonijiet tas-sajd għandhom ikunu jistgħu jiġu trasferiti u mikrija sabiex il-ġestjoni tal-opportunitajiet tas-sajd tiġi deċentralizzata lejn l-industrija tas-sajd u jkun żgurat li s-sajjieda li jitilqu mill-industrija ma jkollhomx għalfejn jiddependu fuq għajnuna finanzjarja pubblika skont il-Politika Komuni tas-Sajd.

(31) Il-karatteristiċi speċifiċi u l-vulnerabbiltà soċjoekonomika ta' xi flotot fuq skala żgħira jiġġustifikaw il-limitazzjoni tas-sistema obbligatorja tal-konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli għal bastimenti kbar. Is-sistema ta’ konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli għandha tapplika għal stokkijiet li hemm opportunitajiet tas-sajd allokati għalihom.

(32) Fil-każ tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li ma joperawx taħt sistema ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli, jistgħu jittieħdu miżuri speċifiċi sabiex l-għadd ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jiġi allinjat mar-riżorsi disponibbli. Tali miżuri għandhom jistabbilixxu limiti massimi obbligatorji għall-kapaċità tal-flotta u jistabbilixxu skemi nazzjonali ta' dħul/ħruġ fir-rigward tal-finanzjament għall-irtirar mis-servizz, mogħti taħt il-Fond Ewropew għas-Sajd.

(33) L-Istati Membri għandhom jirreġistraw l-informazzjoni minima dwar il-karatteristiċi u l-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera tagħhom. Dawk ir-rekords għandhom ikunu disponibbli għall-Kummissjoni sabiex timmonitorja d-daqs tal-flotot tal-Istati Membri.

(34) Ġestjoni tas-sajd ibbażata fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli titlob settijiet ta' dejta armonizzati, affidabbli u preċiżi. Għalhekk l-Istati Membri għandhom jiġbru dejta dwar il-flotot u l-attivitajiet tas-sajd tagħhom, b'mod partikolari dejta dwar il-qabdiet, inkluż l-iskartar tal-ħut, informazzjoni minn stħarriġ dwar l-istokkijiet tal-ħut u dwar l-impatt ambjentali potenzjali tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar.

(35) Il-ġbir tad-dejta għandu jinkludi dejta li tiffaċilita l-valutazzjoni ekonomika ta' impriżi attivi fis-settur tas-sajd, fl-akkwakultura u fl-ipproċessar ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura u tax-xejriet tal-impjiegi f'dawn l-industriji.

(36) L-Istati Membri għandhom jimmaniġġjaw u jagħmlu disponibbli għall-utenti finali ta' dejta xjentifika, id-dejta miġbura, fuq il-bażi ta' programm multiannwali tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw ukoll ma' xulxin sabiex jikkoordinaw l-attivitajiet ta' ġbir tad-dejta. Fejn ikun rilevanti, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw ukoll ma' pajjiżi terzi fl-istess baċir tal-baħar dwar il-ġbir tad-dejta.

(37) Ix-xjenza tas-sajd orjentata lejn il-politika għandha tiġi msaħħa permezz ta' programmi adottati b'mod nazzjonali ta' ġbir ta' dejta xjentifika dwar is-sajd, ir-riċerka u l-innovazzjoni flimkien ma' Stati Membri oħra kif ukoll permezz ta' strumenti tal-qafas tal-Unjoni dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni.

(38) L-Unjoni għandha tippromwovi l-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd fuq livell internazzjonali. Għal dan il-għan, l-Unjoni għandha taħdem sabiex ittejjeb il-prestazzjoni ta' organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali fil-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' stokkijiet internazzjonali tal-ħut, billi tippromwovi teħid tad-deċiżjonijiet

ibbażat fuq ix-xjenza u titjib fil-konformità, żieda fit-trasparenza u l-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati, u billi tiġġieled l-attivitajiet tas-sajd illegali, mhux irrappurtati u mhux irregolati (IUU).

(39) Il-ftehimiet dwar sajd sostenibbli konklużi ma' pajjiżi terzi għandhom jiżguraw li l-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi jkunu bbażati fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli, li jiżgura sfruttar sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar. Il-ftehimiet li jipprovdu għal drittijiet ta' aċċess fi skambju ma' kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni, għandhom jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' qafas ta' governanza ta' kwalità għolja biex jiżguraw b'mod partikolari miżuri ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza effikaċi.

(40) L-introduzzjoni ta' klawżola dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet dwar is-sajd sostenibbli għandha tkun konsistenti għalkollox mal-għanijiet ġenerali tal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp.

(41) Ir-rispett lejn il-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem, kif stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u strumenti internazzjonali rilevanti oħra dwar id-drittijiet tal-bniedem, u lejn il-prinċipju tal-istat tad-dritt, għandu jikkostitwixxi element essenzjali tal-Ftehimiet dwar is-Sajd Sostenibbli u jkun suġġett għal klawżola speċifika dwar id-drittijiet tal-bniedem.

(42) L-akkwakultura għandha tikkontribwixxi għall-preservazzjoni tal-potenzjal tal-produzzjoni tal-ikel fuq bażi sostenibbli mal-Unjoni kollha biex tiggarantixxi s-sigurtà tal-ikel fit-tul għaċ-ċittadini Ewropej u biex tikkontribwixxi għad-domanda dinjija dejjem tibker għal ikel akkwatiku.

(43) L-Istrateġija tal-Kummissjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-Akkwakultura Ewropea[29] adottata fl-2009, li kienet milqugħa u approvata mill-Kunsill u milqugħa mill-Parlament Ewropew, innotat il-ħtieġa għall-ħolqien u l-promozzjoni ta' kundizzjonijiet ekwi għall-akkwakultura bħala l-bażi għall-iżvilupp sostenibbli tagħha.

(44) Il-Politika Komuni tas-Sajd għandha tikkontribwixxi għall-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, u tgħin lejn il-kisba tal-għanijiet stipulati f'dik l-istrateġija[30].

(45) L-attivitajiet tal-akkwakultura fl-Unjoni huma influwenzati minn kundizzjonijiet differenti f'pajjiżi differenti, inkludi dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-operaturi, il-linji gwida strateġiċi tal-Unjoni għal pjanijiet strateġiċi nazzjonali għandhom jiġu żviluppati biex titjieb il-kompetittività tal-industrija tal-akkwakultura, b'appoġġ għall-iżvlupp tagħha u l-innovazzjoni, u l-inkoraġġiment tal-attività ekonomika, id-diversifikazzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ħajja fiż-żoni kostali u rurali, kif ukoll il-mekkaniżmi għall-iskambju bejn l-Istati Membri ta' informazzjoni u l-aqwa prassi permezz ta' metodu miftuħ ta' koordinazzjoni ta' miżuri nazzjonali dwar is-sigurtà tan-negozju, l-aċċess għall-ilmijiet u l-ispazju tal-Unjoni, u s-simplifikazzjoni amministrattiva tal-liċenzjar.

---

29 COM(2009)162finali.

30 COM(2010) 2020 finali

(46) In-natura speċifika tal-akkwakultura titlob Kunsill Konsultattiv għal konsultazzjoni mal-partijiet interessati dwar elementi tal-politiki tal-Unjoni li jistgħu jaffettwaw l-akkwakultura.

(47) Hemm bżonn li tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur tas-sajd u l-akkwakultura tal-Unjoni u li jkun hemm enfasi fuq is-simplifikazzjoni b'appoġġ għal ġestjoni aħjar tal-attivitajiet ta' produzzjoni u kummerċ tas-settur; l-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq għall-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura għandha tiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-prodotti kollha tas-sajd u l-akkwakultura kkummerċjalizzati fl-Unjoni, għandha tippermetti li l-konsumaturi jagħmlu għażliet informati aħjar u tappoġġa l-konsum responsabbli u għandha ttejjeb l-għarfien u l-fehim ekonomiku tas-swieq tal-Unjoni matul il-katina tal-provvista.

(48) L-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq għandha tiġi implimentata f'konformità mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Is-suċċess tal-Politika Komuni tas-Sajd tirrikjedi sistema effikaċi ta' kontroll, spezjoni u infurzar, inkluża l-ġlieda kontra l-attivitajiet tas-sajd IUU (illegali, mhux irrappurtati u mhux irregolati). Għandha tiġi stabbilita sistema ta' kontroll, spezzjoni, u infurzar tal-Unjoni sabiex tiżgura l-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.

(49) L-użu ta' teknoloġiji moderni għandu jiġi promoss fil-qafas tas-sistema ta' kontroll, spezzjoni, u infurzar tal-Unjoni. L-Istati Membri jew il-Kummissjoni għandhom ikollhom il-possibbiltà li jwettqu proġetti pilota fuq teknoloġiji ta' kontroll u sistemi ta' ġestjoni tad-dejta ġodda.

(50) Sabiex jiżguraw l-involviment tal-operaturi kkonċernati fis-sistema ta' kontroll, spezzjoni, u infurzar tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jitolbu lid-detenturi ta' liċenzja tas-sajd ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul ġenerali ta' 12-il metru jew aktar li jtajru l-bandiera tagħhom, sabiex jikkontribwixxu b'mod proporzjonali għall-kosti ta' dik is-sistema.

(51) L-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba l-problemi li jiltaqgħu magħhom fl-iżvilupp tal-industrija tas-sajd u l-ġestjoni tagħha, u l-limiti fuq ir-riżorsi finanzjarji tal-Istati Membri. Għalhekk, għandha tingħata għajnuna finanzjarja multiannwali tal-Unjoni, li tkun iffukata fuq il-prijoritajiet tal-Politika Komuni tas-Sajd, sabiex tikkontribwixxi għall-kisba ta' dawn l-għanijiet.

(52) L-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni għandha tkun kundizzjonali fuq il-konformità mill-Istati Membri u l-operaturi mal-Politika Komuni tas-Sajd. Għaldaqstant tali għajnuna finanzjarja għandha tiġi interrotta, sospiża jew korretta f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd mill-Istati Membri u ksur serju ta' dawk ir-regoli mill-operaturi.

(53) Id-djalogu mal-partijiet interessati kien essenzjali sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd. Meta jitqiesu l-kundizzjonijiet differenti fl-ilmijiet tal-Unjoni u ż-żieda fir-reġjonalizzazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd, il-Kunsilli Konsultattivi għandhom jippermettu lill-Politika Komuni tas-Sajd li tibbenefika mill-għerf u l-esperjenza tal-partijiet kollha interessati.

(54) Jidher xieraq li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa permezz ta' atti delegati li toħloq Kunsill Konsultattiv ġdid u biex timmodifika l-oqsma ta' kompetenza ta' kunsilli eżistenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-ispeċifitajiet tal-Baħar l-Iswed.

(55) Għall-kisba tal-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni għall-fini tal-ispeċifikazzjoni ta' miżuri relatati mas-sajd biex jittaffa' l-impatt tal-attivitajiet tas-sajd f'żoni speċjali ta' konservazzjoni, l-adattament tal-obbligu li jinħattu l-art il-qabdiet kollha għall-fini ta' konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, il-miżuri default ta' konservazzjoni fil-qafas ta' pjanijiet multiannwali jew miżuri tekniċi, il-kalkolu mill-ġdid tal-limiti massimi tal-kapaċità tal-flotta, id-definizzjoni tal-informazzjoni dwar il-karatteristiċi u l-attività għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, ir-regoli għat-twettiq ta' proġetti pilota dwar sistemi ġodda ta' teknoloġiji ta' kontroll u ġestjoni tad-dejta, l-emendi għall-Anness III fir-rigward tal-oqsma ta' kompetenza għall-Kunsilli Konsultattivi u l-kompożizzjoni u l-funzjonament tal-Kunsilli Konsultattivi.

(56) Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol preparatorju tagħha għall-adozzjoni tal-atti delegati, inkluż f'livell ta' esperti.

(57) Meta tipprepara u tfassal l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(58) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' rekwiżiti operattivi tekniċi għall-modalitajiet għat-trażmissjoni tal-informazzjoni relatata mar-reġistri tal-flotot tas-sajd u mar-rekwiżiti tad-dejta għall-ġestjoni tas-sajd, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jingħataw lill-Kummissjoni. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni[31].

(59) Sabiex jintlaħaq l-għan bażiku tal-Politika Komuni tas-Sajd, jiġifieri li tipprovdi kundizzjonijiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali sostenibbli fit-tul għas-setturi tas-sajd u l-akkwakultura, u li tikkontribwixxi għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel, huwa neċessarju u xieraq li jiġu stabbiliti regoli dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar.

(60) Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak il-għan.

(61) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 585/2004/KE tad-19 ta' Lulju 2004 li tistabbilixxi Kunsilli Konsultattivi Reġjonali taħt il-Politika Komuni tas-Sajd[32] għandha tiġi rrevokata malli jidħlu fis-seħħ ir-regoli korrispondenti skont dan ir-Regolament.

---

31 ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.
32 ĠU L 256, 3.8.2004, p. 17.

(62) Ir-Regolament (KE) 199/2008 tal-25 ta’ Frar 2008 dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data [dejta] fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni tas-Sajd[33] għandu jiġi revokat, iżda għandu jkompli japplika għall-programmi nazzjonali adottati għall-ġbir u l-ġestjoni ta' dejta għas-snin 2011 – 2013.

(63) Minħabba l-għadd u l-importanza tal-emendi li għandhom isiru, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 għandu jiġi rrevokat,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# PARTI I
# DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*
**Ambitu**

1. Il-Politika Komuni tas-Sajd għandha tkopri:

(a) il-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-isfruttar ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar; u

(b) ir-riżorsi bijoloġiċi tal-ilma ħelu, l-akkwakultura, u l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, fir-rigward ta' miżuri dwar is-swieq u miżuri finanzjarji b'appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd.

2. Il-Politika Komuni tas-Sajd għandha tkopri l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 meta dawn jitwettqu:

(a) fit-territorju tal-Istati Membri; jew

(b) fl-ilmijiet tal-Unjoni, inkluż minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta', u jkunu rreġistrati f'pajjiżi terzi; jew

(c) minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni barra l-ilmijiet tal-Unjoni; jew

(d) minn ċittadini tal-Istati Membri, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà primarja tal-Istat tal-bandiera.

*Artikolu 2*
**Għanijiet ġenerali**

1. Il-Politika Komuni tas-Sajd għandha tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd u l-akkwakultura jipprovdu kundizzjonijiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali sostenibbli fit-tul u jikkontribwixxu għall-provvisti tal-ikel.

---

33 ĠU L 60, 53.3.2008, p. 1.

2. Il-Politika Komuni tas-Sajd għandha tapplika l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd, u għandha tfittex li tiżgura, sal-2015, li l-isfruttar ta' riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar ireġġa' lura u jżomm il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada 'l fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli.

3. Il-Politika Komuni tas-Sajd għandha timplimenta l-approċċ abbażi tal-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd sabiex tiżgura li l-impatti tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar ikunu limitati.

4. Il-Politika Komuni tas-Sajd għandha tintegra r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni.

*Artikolu 3*
**Għanijiet speċifiċi**

Sabiex jintlaħqu l-għanijiet ġenerali stipulati fl-Artikolu 2, il-Politika Komuni tas-Sajd għandha b'mod partikolari:

(a) telimina l-qbid mhux mixtieq ta' stokkijiet kummerċjali u gradwalment tiżgura li l-qbid kollu ta' dawn l-istokkijiet jinħatt l-art;

(b) tipprovdi kundizzjonijiet għal attivitajiet tas-sajd effiċjenti fi ħdan industrija tas-sajd ekonomikament vijabbli u kompetittiva;

(c) tippromwovi l-iżvilupp tal-attivitajiet tal-akkwakultura fl-Unjoni biex tikkontribwixxi għas-sikurezza tal-ikel u l-impjiegi f'żoni kostali u rurali;

(d) tikkontribwixxi għal standard tal-għajxien ġust għal dawk li jiddependu fuq l-attivitajiet tas-sajd;

(e) tqis l-interessi tal-konsumaturi;

(f) tiżgura ġbir u ġestjoni sistematiċi u armonizzati tad-dejta.

*Artikolu 4*
**Prinċipji ta' governanza tajba**

Il-Politika Komuni tas-Sajd għandha tkun immexxija mill-prinċipji ta' governanza tajba li ġejjin:

(a) id-definizzjoni ċara tar-responsabbiltajiet fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali;

(b) l-istabbilitment ta’ miżuri skont l-aħjar parir xjentifiku disponibbli;

(c) perspettiva fit-tul;

(d) involviment wiesa' tal-partijiet interessati fl-istadji kollha mill-konċepiment sal-implimentazzjoni tal-miżuri;

(e) ir-responsabbiltà primarja tal-Istat tal-bandiera;

(f) konsistenza mal-politika marittima integrata, u ma' politiki oħra tal-Unjoni.

*Artikolu 5*
**Definizzjonijiet**

Għall-iskop ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

– 'ilmijiet tal-Unjoni' tfisser l-ilmijiet taħt is-sovranità jew il-ġuris dizzjoni tal-Istati Membri ħlief l-ilmijiet li jmissu mat-territorji msemmija fl-Anness II għat-Trattat;

– 'riżorsi bijoloġiċi tal-baħar' tfisser speċijiet akkwatiċi tal-baħar disponibbli u aċċessibbli, inklużi speċijiet anadromi u katadromi matul l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom;

– 'riżorsi bijoloġiċi tal-ilma ħelu' tfisser speċijiet akkwatiċi ħajjin tal-ilma ħelu li huma disponibbli u aċċessibbli;

– 'bastiment tas-sajd' tfisser kwalunkwe bastiment mgħammar għas-sajd kummerċjali ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;

– 'bastiment tas-sajd tal-Unjoni' tfisser bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru u li jkun irreġistrat fl-Unjoni;

– 'rendiment massimu sostenibbli' tfisser il-qabda massima li tista' tittieħed minn stokk ta' ħut b'mod indefinit;

– 'approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd' tfisser approċċ li skontu n-nuqqas ta' informazzjoni xjentifika adegwata m'għandux jiġġustifika l-posponiment jew in-nuqqas ta' teħid ta' miżuri amministrattivi sabiex jiġu kkonservati speċijiet fil-mira, speċijiet assoċjati jew dipendenti u speċijiet mhux fil-mira u l-ambjent tagħhom;

– 'approċċ għall-ġestjoni tas-sajd ibbażat fuq l-ekosistema' tfisser approċċ li jiżgura li l-benefiċċji mir-riżorsi akkwatiċi ħajjin ikunu għoljin filwaqt li l-impatti diretti u indiretti tal-operazzjonijiet tas-sajd fuq l-ekosistemi tal-baħar ikunu baxxi u mhux detrimentali għall-funzjonament, id-diversità u l-integrità futuri ta' dawk l-ekosistemi;

– 'rata ta' mortalità mis-sajd' tfisser il-qbid ta' stokk matul perjodu partikolari bħala proporzjon tal-istokk medju disponibbli għas-sajd f'dak il-perjodu;

– 'stokk' tfisser riżorsa bijoloġika tal-baħar li jkollha karatteristiċi distinti u li sseħħ f'żona ta' ġestjoni partikolari;

– 'limitu ta' qbid' tfisser limitu kwantitattiv fuq il-ħatt l-art ta' stokk ta' ħut jew ta' grupp ta' stokkijiet ta' ħut matul perjodu partikolari;

– 'punt ta' referenza dwar konservazzjoni' tfisser il-valuri ta' parametri tal-popolazzjoni ta' stokk ta' ħut (bħall-bijomassa jew ir-rata ta' mortalità mis-sajd) użati fil-ġestjoni tas-sajd, pereżempju fir-rigward ta' livell aċċettabbli ta' riskju bijoloġiku jew livell mixtieq ta' rendiment;

– 'salvagwardja' tfisser miżura prekawzjonarja maħsuba biex tipproteġi jew timpedixxi milli sseħħ xi ħaġa mhux mixtieqa;

– 'miżuri tekniċi' tfisser il-miżuri li jirregolaw il-kompożizzjoni tal-ispeċijiet, il-kompożizzjoni tad-daqs tal-qabdiet u l-impatti fuq komponenti tal-ekosistemi li jirriżultaw mill-attivitajiet tas-sajd permezz tal-kundizzjonament tal-użu u l-istruttura tal-irkaptu tas-sajd u r-restrizzjoni tal-aċċess għal żoni tas-sajd;

– 'opportunità tas-sajd' tfisser dritt legali kkwantifikat għas-sajd, espress f'termini ta' qabdiet u/jew sforz tas-sajd u l-kundizzjonijiet marbuta funzjonalment magħhom li jkunu neċessarji sabiex jiġu kkwantifikati f'ċertu livell;

– 'sforz tas-sajd' tfisser il-prodott tal-kapaċità u l-attività ta' bastiment tas-sajd; għal grupp ta' bastimenti tas-sajd ikun it-total tal-isforz tas-sajd tal-bastimenti kollha fil-grupp;

– 'konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli' tfisser id-drittijiet revokabbli tal-utenti għal parti speċifika tal-opportunitajiet tas-sajd allokati lil Stat Membru jew stabbiliti f'pjanijiet ta' ġestjoni adottati minn Stat Membru skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006[34], li d-detentur jista' jittrasferixxi lil detenturi oħra eliġibbli ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli bħal dawn;

– 'opportunitajiet individwali tas-sajd' tfisser opportunitajiet annwali tas-sajd allokati lil detenturi ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli fi Stat Membru fuq il-bażi tal-proporzjon tal-opportunitajiet tas-sajd li jappartjenu lil dak l-Istat Membru;

– 'kapaċità għas-sajd' tfisser it-tunnellaġġ ta' bastiment f'TG (Tunnellaġġ Gross) u l-qawwa tiegħu f'kW (Kilowatt) kif definit fl-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2930/86[35];

– 'akkwakultura' tfisser it-tkabbir u l-kultivazzjoni ta’ organiżmi akkwatiċi bl-użu ta’ tekniki mfassla biex tiżdied il-produzzjoni tal-organiżmi inkwistjoni lil hinn mill-kapaċità naturali tal-ambjent, fejn l-organiżmi jibqgħu l-proprjetà tal-persuna fiżika jew ġuridika matul l-istadju tat-tkabbir u tal-kultivazzjoni, sa u inkluż il-ħsad;

– 'liċenzja tas-sajd' tfisser liċenzja kif imsemmija fl-Artikolu 4(9) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

– 'awtorizzazzjoni tas-sajd' tfisser awtorizzazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 4(10) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

– 'sajd' tfisser il-ġbir jew il-qabda ta' organiżmi akkwatiċi li jgħixu fl-ambjent naturali tagħhom, jew l-użu intenzjonat ta' kwalunkwe mezz li jippermetti ġbir jew qbid bħal dan;

– 'prodotti tas-sajd' tfisser l-organiżmi akkwatiċi li jirriżultaw minn kwalunkwe attività tas-sajd;

---

34 ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11.

35 ĠU L 274, 25.9.1986, p. 1.

– 'operatur' tfisser il-persuna fiżika jew ġuridika li topera jew li tikkontrolla kwalunkwe impriża li twettaq xi waħda mill-attivitajiet relatati ma' xi stadju tal-produzzjoni, l-ipproċessar, it-tqegħid fis-suq, il-ktajjen ta' distribuzzjoni u tal-bejgħ lill-konsumatur tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura;

– 'ksur serju' tfisser ksur kif definit fl-Artikolu 42(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 u fl-Artikolu 90(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009;

– 'utent finali ta' dejta xjentifika' tfisser korp b'interess ta' riċerka jew ġestjoni fl-analiżi xjentifika ta' dejta fis-settur tas-sajd;

– 'eċċess tal-qabda permissibbli' tfisser dik il-parti tal-qabda permissibbli li Stat kostali ma jkollux il-kapaċità li jaħsad;

– 'prodotti tal-akkwakultura' tfisser l-organiżmi akkwatiċi fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom li jirriżultaw minn kwalunkwe attività tal-akkwakultura;

– 'bijomassa ta' stokk riproduttiv tfisser stima tal-massa tal-ħut ta' riżorsa partikolari li jirriproduċi f'ħin definit, li tinkludi ħut kemm irġiel kif ukoll nisa u ħut li jirriproduċi bit-tifriħ;

– 'sajd imħallat' tfisser sajd fejn tkun preżenti iżjed minn speċi waħda fiż-żona fejn ikun qiegħed isir is-sajd u jkunu vulnerabbli li jinqabdu fl-irkaptu tas-sajd.

– 'ftehimiet dwar sajd sostenibbli' tfisser ftehimiet internazzjonali konklużi ma' stat ieħor għall-fini li jinkiseb aċċess għar-riżorsi jew l-ilmijiet fi skambju ma' kumpens finanzjarju mill-Unjoni.

# PARTI II
# AĊĊESS GĦALL-ILMIJIET

*Artikolu 6*

**Regoli ġenerali dwar l-aċċess għall-ilmijiet**

1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikollhom aċċess indaqs għall-ilmijiet u r-riżorsi fl-ilmijiet kollha tal-Unjoni għajr dawk imsemmija fil-paragrafi 2 u 3, suġġett għall-miżuri adottati skont il-Parti III.

2. Fl-ilmijiet sa 12-il mil nawtiku mil-linji bażi taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tagħhom, l-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati mill-1 ta’ Jannar 2013 sal-31 ta’ Diċembru 2022 li jillimitaw is-sajd għal bastimenti tas-sajd li tradizzjonalment jistadu f'dawk l-ilmijiet minn portijiet fuq il-kosta maġenb, mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera ta' Stati Membri oħra skont relazzjonijiet eżistenti dwar il-viċinat bejn l-Istati Membri u l-arranġamenti li jinsabu fl-Anness I, li jistabbilixxu għal kull Stat Membru ż-żoni ġeografiċi fi ħdan il-faxex kostali ta' Stati Membri oħra fejn isiru attivitajiet tas-sajd u l-ispeċijiet ikkonċernati. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bir-restrizzjonijiet imdaħħla skont dan il-paragrafu.

3. Fl-ilmijiet sa 100 mil nawtiku mil-linji bażi tal-Azores, Madejra u l-Gżejjer Kanarji, l-Istati Membri kkonċernati jistgħu mill-1 ta’ Jannar 2013 sal-31 ta’ Diċembru 2022 jillimitaw is-sajd għal bastimenti rreġistrati fil-portijiet ta' dawk il-gżejjer. Tali restrizzjonijiet m'għandhomx japplikaw għal bastimenti tal-Unjoni li tradizzjonalment jistadu f'dawk l-ilmijiet, sakemm dawk il-bastimenti ma jaqbżux l-isforz tas-sajd eżerċitat tradizzjonalment. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bir-restrizzjonijiet imdaħħla skont dan il-paragrafu.

4. Id-dispożizzjonijiet li se jsegwu l-arranġamenti stipulati fil-paragrafu 2 u 3 għandhom jiġu adottati sal-31 ta’ Diċembru 2022.

# PARTI III
# MIŻURI GĦALL-KONSERVAZZJONI TAR-RIŻORSI BIJOLOĠIĊI TAL-BAĦAR

## TITOLU I
## TIPI TA' MIŻURI

*Artikolu 7*
### Tipi ta' miżuri ta' konservazzjoni

Il-miżuri għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jistgħu jinkludu dawn li ġejjin:

(a) l-adozzjoni ta’ pjanijiet multiannwali skont l-Artikoli 9 - 11;

(b) l-istabbiliment ta’ miri għall-isfruttar sostenibbli tal-istokkijiet;

(c) l-adozzjoni ta’ miżuri sabiex l-għadd ta' bastimenti tas-sajd u/jew it-tipi ta' bastimenti tas-sajd jiġu adattati għall-opportunitajiet disponibbli ta' sajd;

(d) l-istabbiliment ta’ inċentivi, inklużi dawk ta' natura ekonomika, sabiex jippromwovu sajd iżjed selettiv jew b'impatt baxx;

(e) l-iffissar ta’ opportunitajiet tas-sajd;

(f) l-adozzjoni ta' miżuri tekniċi kif imsemmija fl-Artikolu 14;

(g) l-adozzjoni ta’ miżuri fir-rigward tal-obbligu li jitniżżlu l-qabdiet kollha;

(h) it-twettiq ta’ proġetti pilota dwar tipi alternattivi ta' tekniki għall-ġestjoni tas-sajd.

*Artikolu 8*
### Tipi ta' miżuri tekniċi

Il-miżuri tekniċi jistgħu jinkludu dawn li ġejjin:

(a) id-daqsijiet tal-malji u regoli dwar l-użu tal-irkapti tas-sajd;

(b) restrizzjonijiet fuq il-kostruzzjoni tal-irkaptu tas-sajd, li jinkludu

i) modifiki jew apparat addizzjonali sabiex itejbu s-selettività jew inaqqsu l-impatt fuq iż-żona bentika;

ii) modifiki jew apparat addizzjonali sabiex inaqqsu l-qbid aċċidentali ta' speċijiet fil-periklu, mhedda u protetti;

(c) projbizzjonijiet tal-użu ta' ċerti rkapti tas-sajd f'ċerti żoni jew staġuni;

(d) projbizzjoni jew restrizzjoni tal-attivitajiet tas-sajd f'ċerti żoni u/jew perjodi;

(e) rekwiżiti għall-bastimenti tas-sajd biex jieqfu joperaw f'żona għal perjodu minimu definit sabiex tiġi protetta aggregazzjoni temporanja ta' riżorsa tal-baħar vulnerabbli;

(f) miżuri speċifiċi sabiex inaqqsu l-impatt tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistemi tal-baħar u speċijiet mhux fil-mira;

(g) miżuri tekniċi oħra mmirati sabiex jipproteġu l-bijodiversità tal-baħar.

# TITOLU II
# MIŻURI TAL-UNJONI

*Artikolu 9*

**Pjan multiannwali**

1. Għandhom jiġu stabbiliti bħala prijorità pjanijiet multiannwali li jipprovdu għal miżuri ta' konservazzjoni sabiex l-istokkijiet tal-ħut jinżammu jew jitreġġgħu lura fuq livelli li kapaċi jipproduċu rendiment massimu sostenibbli.

2. Il-pjanijiet multiannwali għandhom jipprovdu għal:

(a) il-bażi sabiex jiġu stabbiliti opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet tal-ħut ikkonċernati fuq il-bażi ta' punti ta' referenza definiti minn qabel dwar il-konservazzjoni; u

(b) miżuri li kapaċi jimpedixxu b'mod effettiv il-ksur tal-punti ta' referenza dwar il-konservazzjoni.

3. Il-pjanijiet multiannwali għandhom, fejn possibbli, ikopru jew sajd li jisfrutta stokkijiet waħdiena ta' ħut jew sajd li jisfrutta taħlita ta' stokkijiet, filwaqt li jqisu l-interazzjonijiet bejn l-istokkijiet u s-sajd.

4. Il-pjanijiet multiannwali għandhom ikunu bbażati fuq l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd u għandhom iqisu l-limitazzjonijiet tad-dejta disponibbli u l-metodi ta' valutazzjoni u s-sorsi kwantifikati kollha tal-inċertezza b'mod xjentifikament validu.

*Artikolu 10*
**Għanijiet tal-pjanijiet multiannwali**

1. Il-pjanijiet multiannwali għandhom jipprovdu għal addattamenti tar-rata ta' mortalità mis-sajd, li tirriżulta f'rata ta' mortalità mis-sajd li treġġa' lura u żżomm il-livelli tal-istokkijiet 'il fuq minn livelli li kapaċi jipproduċu rendiment massimu sostenibbli sal-2015.

2. F'każijiet fejn ma jkunx possibbli li tiġi stabbilita rata ta' mortalità mis-sajd li treġġa' lura u żżomm l-istokkijiet 'il fuq minn livelli li kapaċi jipproduċu rendiment massimu sostenibbli, il-pjanijiet multiannwali għandhom jipprovdu għal miżuri prekawzjonarji li jiżguraw livell komparabbli ta' konservazzjoni tal-istokkijiet rilevanti.

*Artikolu 11*
**Kontenut tal-pjanijiet multiannwali**

Pjan multiannwali għandu jinkludi:

(a) l-ambitu, f'termini tal-istokkijiet, is-sajd u l-ekosistema tal-baħar li għalihom għandu jiġi applikat il-pjan multiannwali;

(b) għanijiet li huma konsistenti mal-għanijiet stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3;

(c) miri kwantifikabbli espressi f'termini ta':

i) ir-rati ta' mortalità mis-sajd, u/jew

ii) il-bijomassa ta' stokk riproduttiv, u

ii) l-istabbiltà tal-qabdiet.

(d) skedi ta' żmien ċari biex jintlaħqu l-miri kwantifikabbli;

(e) miżuri tekniċi fosthom miżuri rigward l-eliminazzjoni tal-qabdiet mhux mixtieqa;

(f) indikaturi kwantifikabbli għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni perjodiċi tal-progress fir-rigward tal-kisba tal-miri tal-pjan multiannwali;

(g) miżuri u għanijiet speċifiċi għall-parti tal-ilma ħelu taċ-ċiklu tal-ħajja ta' speċijiet anadromi u katadromi;

(h) tnaqqis tal-impatti tas-sajd fuq l-ekosistema;

(i) salvagwardji u kriterji li jattivaw dawk is-salvagwardji;

(j) kull miżura oħra xierqa sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-pjanijiet multiannwali.

*Artikolu 12*
**Konformità mal-obbligi skont il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni**

1. F'żoni speċjali ta' konservazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 92/43/KEE, tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/147/KE u tal-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 2008/56/KE, l-attivitajiet tas-sajd għandhom jitwettqu mill-Istati Membri b'tali mod li jtaffu l-impatt mill-attivitajiet tas-sajd f'żoni speċjali ta' konservazzjoni bħal dawn.

2. Il-Kummissjoni se jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55, biex tispeċifika miżuri relatati mas-sajd biex itaffu l-impatt tal-attivitajiet tas-sajd f'żoni speċjali ta' konservazzjoni.

*Artikolu 13*
**Miżuri mill-Kummissjoni f'każ ta' theddida serja għal riżorsi bijoloġiċi tal-baħar**

1. Fuq il-bażi ta' evidenza ta' theddida serja għall-konservazzjoni ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, jew għall-ekosistema tal-baħar u li tkun teħtieġ azzjoni immedjata, il-Kummissjoni, fuq talba raġunata ta' xi Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi miżuri temporanji sabiex ittaffi t-theddida.

2. L-Istat Membru għandu jikkomunika b'mod simultanju t-talba raġunata msemmija fil-paragrafu 1 lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kunsilli Konsultattivi kkonċernati.

*Artikolu 14*
**Oqfsa ta' miżuri tekniċi**

Għandhom jiġu stabbiliti oqsfa ta' miżuri tekniċi sabiex jiżguraw il-protezzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u t-tnaqqis tal-impatt tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-istokkijiet tal-ħut u fuq l-ekosistemi tal-baħar. Il-miżuri tekniċi għandhom:

(a) jikkontribwixxu sabiex l-istokkijiet tal-ħut jinżammu jew jitreġġgħu lura 'l fuq minn livelli li kapaċi jipproduċu rendiment massimu sostenibbli permezz ta' titjib fl-għażla tad-daqs u fejn ikun xieraq, fl-għażla tal-ispeċi;

(b) inaqqsu l-qbid ta' individwi ta' daqs iżgħar milli suppost mill-istokkijiet tal-ħut;

(c) inaqqsu l-qbid ta' organiżmi tal-baħar mhux mixtieqa;

(d) itaffu l-impatt tal-irkaptu tas-sajd fuq l-ekosistema u l-ambjent, b'attenzjoni partikolari għall-protezzjoni ta' stokkijiet u ħabitats bijoloġikament sensittivi.

*Artikolu 15*
**Obbligu tal-ħatt l-art tal-qabdiet kollha**

1. Il-qabdiet kollha tal-istokkijiet tal-ħut li ġejjin suġġetti għal limiti ta' qbid, li jinqabdu waqt attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni jew minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni barra l-ilmijiet tal-Unjoni, għandhom jinġiebu u jinżammu abbord il-bastimenti tas-

sajd u jiġu rreġistrati u jinħattu l-art, ħlief meta jintużaw bħala lixka ħajja, skont l-iskeda ta' żmien li ġejja:

(a) Mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2014:

– kavall, aringa, sawrell, stokkafixx, pixxitrumbetta, inċova, arġentin, sardinella, capelin;

– tonn, pixxispad, alonga, tonn għajnu kbira, kastardell ieħor.

(b) Mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2015: merluzz, marlozz, lingwata;

(c) Mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2016: haddock, merlangu, megrim, petriċi, barbun tat-tbajja', mova, pollakju (saithe), pollakkju, lemon sole, barbun imperjali, barbun lixx, linarda, ċinturin iswed, roundnose grenadier, orange roughy, ħalibatt tal-Groenlandja, tusk, redfish u stokkijiet demersali tal-Mediterran.

2. Għandhom jiġu stabbiliti daqsijiet ta' referenza minimi għall-konservazzjoni li jkunu bbażati fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli għall-istokkijiet tal-ħut stipulati fil-paragrafu 1. Il-bejgħ ta' tali stokkijiet ta' ħut taħt id-daqs ta' referenza minimu għall-konservazzjoni għandu jiġi limitat għal tnaqqis għall-ikel tal-ħut jew ikel tal-annimali domestiċi biss.

3. L-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għal qabdiet ta' ħut maqbud f'kwantitajiet akbar mill-opportunitajiet tas-sajd fissi għandhom jiġu stabbiliti skont l-Artikolu 27 ta' [ir-Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura].

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera tagħhom ikunu mgħammra sabiex jiżguraw dokumentazzjoni sħiħa tal-attivitajiet kollha tas-sajd u tal-ipproċessar bl-għan li tiġi mmonitorjata l-konformità mal-obbligu ta' ħatt l-art tal-qabdiet kollha.

5. Il-paragrafu 1 għandu jkun bla preġudizzju għall-obbligi internazzjonali.

6. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 biex tispeċifika l-miżuri stipulati fil-paragrafu 1 bl-għan li jkun hemm konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni.

*Artikolu 16*
**Opportunitajiet tas-sajd**

1. L-opportunitajiet tas-sajd allokati lill-Istati Membri għandhom jiżguraw lil kull Stat Membru stabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd għal kull stokk ta' ħut jew sajd. Għandhom jitqiesu l-interessi ta' kull Stat Membru meta jiġu allokati l-opportunitajiet tas-sajd il-ġodda.

2. L-opportunitajiet tas-sajd tal-qabdiet inċidentali jistgħu jiġu rriservati taħt it-total tal-opportunitajiet tas-sajd.

3. L-opportunitajiet ta' sajd għandhom ikunu konformi mal-miri kwantifikabbli, l-iskedi taż-żmien u l-marġini stabbiliti skont l-Artikolu 9(2) u 11(b), (c) u (h)

4. L-Istati Membri jistgħu, wara li jinnotifikaw lill-Kummissjoni, iwettqu skambju ta’ parti mill-opportunitajiet tas-sajd jew l-opportunitajiet kollha ta' sajd allokati lilhom.

# TITOLU III
# REĠJONALIZZAZZJONI

## KAPITOLU I
## PJANIJIET MULTIANNWALI

*Artikolu 17*

### Miżuri ta’ konservazzjoni adottati skont il-pjanijiet multiannwali

1. Fi pjan multiannwali stabbilit skont l-Artikoli 9, 10 u 11, l-Istati Membri jistgħu jiġu awtorizzati jadottaw miżuri, f'konformità ma' dak il-pjan multiannwali, li jispeċifikaw il-miżuri ta' konservazzjoni applikabbli għal bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom fir-rigward ta' stokkijiet fl-ilmijiet tal-Unjoni li għalihom ġew allokali opportunitajiet tas-sajd.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li miżuri ta’ konservazzjoni adottati skont il-paragrafu 1:

   (a) huma kompatibbli mal-għanijiet stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3;

   (b) huma kompatibbli mal-ambitu u l-għanijiet tal-pjan multiannwali;

   (c) jilħqu b'mod effettiv l-għanijiet u l-miri kwantifikabbli stabbiliti fi pjan multiannwali; u

   (d) mhumiex inqas stretti minn dawk li jeżistu fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

*Artikolu 18*

### Notifika ta' miżuri ta' konservazzjoni mill-Istati Membri

L-Istati Membri li jadottaw miżuri ta' konservazzjoni skont l-Artikolu 17(1) għandhom jinnotifikaw b'dawn il-miżuri lill-Kummissjoni, lil Stati Membri oħra interessati u lill-Kunsilli Konsultattivi rilevanti.

*Artikolu 19*

### Valutazzjoni

Il-Kummissjoni tista' fi kwalunkwe żmien tevalwa l-kompatibbiltà u l-effikaċja tal-miżuri ta' konservazzjoni adottati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 17(1).

*Artikolu 20*

**Miżuri default ta' konservazzjoni adottati fil-qafas tal-pjanijiet multiannwali**

1. Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 biex tispeċifika miżuri ta' konservazzjoni għal sajd kopert minn pjan multiannwali, jekk l-Istati Membri awtorizzati biex jieħdu miżuri skont l-Artikolu 17 ma jinnotifikawx dawn il-miżuri lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-pjan multiannwali.

2. Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 biex tispeċifika miżuri ta' konservazzjoni għal sajd kopert minn pjan multiannawli, jekk

   (a) il-miżuri tal-Istat Membru ma jitqisux kompatibbli mal-għanijiet ta' pjan multiannwali abbażi ta' valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 19, jew

   (b) il-miżuri tal-Istat Membru ma jitqisux bħala li jilħqu l-għanijiet u l-miri kwantifikabbli stipulati fil-pjan multiannwali b'mod effiċjenti, abbażi ta' valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 19, jew

   (c) jiġu attivati salvagwardji stabbiliti skont l-Artikolu 11(i).

3. Il-miżuri ta' konservazzjoni adottati mill-Kummissjoni għandu jkollhom l-għan li jiżguraw li jintlaħqu l-għanijiet u l-miri stipulati fil-pjan multiannwali. Mal-adozzjoni tal-att delegati mill-Kummissjoni, il-miżuri tal-Istati Membri għandhom jieqfu milli jkunu effettivi.

# KAPITOLU II
# MIŻURI TEKNIĊI

*Artikolu 21*

**Miżuri tekniċi**

F'qafas ta' miżuri tekniċi stabbilit skont l-Artikolu 14 l-Istati Membri jistgħu jiġu awtorizzati jadottaw miżuri, f'konformità ma' dak il-qafas, li jispeċifikaw il-miżuri tekniċi applikabbli għal bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom fir-rigward ta' stokkijiet fl-ilmijiet tagħhom li għalihom ġew allokali opportunitajiet tas-sajd. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali miżuri tekniċi:

(a) huma kompatibbli mal-għanijiet stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3;

(b) huma kompatibbli mal-għanijiet stabbiliti f'miżuri adottati skont l-Artikolu 14;

(c) jilħqu b'mod effettiv l-għanijiet stipulati f'miżuri adottati skont l-Artikolu 14; u

(d) mhumiex inqas stretti minn dawk li jeżistu fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

*Artikolu 22*
**Notifika ta' miżuri tekniċi mill-Istati Membri**

L-Istati Membri li jadottaw miżuri tekniċi skont l-Artikolu 21 għandhom jinnotifikaw dawn il-miżuri lill-Kummissjoni, Stati Membri oħra interessati u lill-Kunsilli Konsultattivi rilevanti.

*Artikolu 23*
**Valutazzjoni**

Il-Kummissjoni tista' fi kwalunkwe żmien tevalwa l-kompatibbiltà u l-effikaċja tal-miżuri tekniċi adottati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 21.

*Artikolu 24*
**Miżuri default adottati taħt il-qafas tal-miżuri tekniċi**

1. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 biex tispeċifika miżuri tekniċi koperti minn qafas ta' miżuri tekniċi, jekk l-Istati Membri awtorizzati biex jieħdu miżuri skont l-Artikolu 21 ma jinnotifikawx b'dawn il-miżuri lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-qafas ta' miżuri tekniċi.

2. Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 biex tispeċifika miżuri tekniċi, jekk il-miżuri tal-Istati Membri jitqiesu, abbażi ta' valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 23:

   (b) mhux kompatibbli mal-għanijiet stipulati fil-qafas tal-miżuri tekniċi, jew

   (b) li ma jilħqux l-għanijiet stipulati f'qafas ta' miżuri tekniċi bħal dan b'mod effettiv.

3. Il-miżuri tekniċi adottati mill-Kummissjoni għandu jkollhom l-għan li jiżguraw li jintlaħqu l-għanijiet tal-qafas tal-miżuri tekniċi. Mal-adozzjoni tal-att delegat mill-Kummissjoni, il-miżuri tal-Istati Membri għandhom jieqfu milli jkunu effettivi.

# TITOLU IV
# MIŻURI NAZZJONALI

*Artikolu 25*
**Miżuri tal-Istati Membri applikabbli biss għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom**

Stat Membru jista' jadotta miżuri għall-konservazzjoni ta' stokkijiet ta' ħut fl-ilmijiet tal-Unjoni bil-kundizzjoni li dawk il-miżuri:

   (a) japplikaw biss għal bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru jew, fil-każ ta' attivitajiet tas-sajd li ma jitwettqux minn bastiment tas-sajd, għal persuni stabbiliti fit-territorju;

(b) huma kompatibbli mal-għanijiet stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3; u

(c) mhumiex inqas stretti minn dawk li jeżistu fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

*Artikolu 26*

**Miżuri tal-Istati Membri fi ħdan iż-żona ta' 12-il mil nawtiku**

1. Stat Membru jista' jieħu miżuri mhux diskriminatorji għall-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' stokkijiet tal-ħut u biex inaqqas l-effett tas-sajd fuq il-konservazzjoni ta' ekosistemi tal-baħar sa 12-il mil nawtiku mil-linji bażi tiegħu bil-kundizzjoni li l-Unjoni ma tkunx adottat miżuri li jindirizzaw konservazzjoni u ġestjoni b'mod speċifiku għal dik iż-żona. Il-miżuri tal-Istat Membru għandhom ikunu kompatibbli mal-għanijiet stipulati fl-Artikoli 2 u 3 u mhux inqas stretti minn dawk li jeżistu fil-leġislazzjoni tal-Unjoni.

2. Fejn il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni li għandhom jiġu adottati minn Stat Membru jistgħu jaffettwaw bastimenti tas-sajd ta' Stati Membri oħra, tali miżuri għandhom jiġu adottati biss wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, l-Istati Membri rilevanti u l-Kunsilli Konsultattivi rilevanti dwar abbozz tal-miżuri akkumpanjat minn memorandum ta' spjegazzjoni.

# PARTI IV
# AĊĊESS GĦAR-RIŻORSI

*Artikolu 27*

**Stabbiliment tas-sistemi ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli**

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi sistema ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013 għal

(a) il-bastimenti kollha tas-sajd b'tul globali ta' 12-il metru jew aktar; u

(b) il-bastimenti kollha tas-sajd b'tul globali ta' inqas minn 12-il metru b'irkaptu rmunkat.

2. L-Istati Membri jistgħu jestendu s-sistema tal-konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli għal bastimenti b'tul globali ta' inqas minn 12-il metru u li jużaw tipi oħra ta' rkaptu rmunkat u għandhom jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni.

*Artikolu 28*

**Allokazzjoni ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli**

1. Konċessjoni tas-sajd trasferibbli għandha tistabbilixxi dritt għall-użu tal-opportunitajiet individwali tas-sajd allokati skont l-Artikolu 29(1).

2. Kull Stat Membru għandu jalloka konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli fuq il-bażi ta' kriterji trasparenti, għal kull stokk jew grupp ta' stokkijiet li għalihom jiġu allokati opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 16, esklużi l-opportunitajiet tas-sajd miksuba taħt ftehimiet dwar is-sajd sostenibbli.

3. Għall-allokazzjoni ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli relatati ma' sajd imħallat, l-Istati Membri għandhom iqisu l-kompożizzjoni probabbli tal-qbid tal-bastimenti li jipparteċipaw f'dan it-tip ta' sajd.

4. Il-konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli jistgħu jiġu allokati biss minn Stat Membru lil sid ta' bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' dak l-Istat Membru, jew minn persuni ġuridiċi jew fiżiċi għall-iskop li jintużaw fuq tali bastiment. Il-konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli jistgħu jinġabru flimkien għal ġestjoni kollettiva minn persuni ġuridiċi jew fiżiċi jew organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-produttur. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-eliġibbiltà għar-riċeviment ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli fuq il-bażi ta' kriterji trasparenti u oġġettivi.

5. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw il-perjodu ta’ validità tal-konċessjonijet tas-sajd trasferibbli għal perjodu ta’ mill-inqas 15-il sena, għall-fini tal-allokazzjoni mill-ġdid ta' konċessjonijiet bħal dawn. Fejn l-Istati Membri ma llimitawx il-perjodu ta’ validità tal-konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli, huma jistgħu isejħu lura konċessjonijiet bħal dawn b’notifika ta’ mill-inqas 15-il sena.

6. L-Istati Membri jistgħu jirtiraw konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli b'avviż iqsar f'każ ta' ksur serju stabbilit li jkun twettaq mid-detentur tal-konċessjonijiet. Sejħiet lura bħal dawn jistgħu jitħaddmu b’mod li jagħti l-effett sħiħ lill-Politika Komuni tas-Sajd, il-prinċipju ta’ proporzjonalità u, fejn hu meħtieġ, b’effett immedjat.

7. Minkejja l-paragrafi 5 u 6, l-Istati Membri jistgħu jirtiraw konċessjonijet tas-sajd trasferibbli li ma jkunux intużaw fuq bastiment tas-sajd għal perjodu ta' tliet snin konsekuttivi.

*Artikolu 29*

**Allokazzjoni ta' opportunitajiet individwali tas-sajd**

1. L-Istati Membri għandhom jallokaw opportunitajiet individwali tas-sajd lil detentur ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli, kif imsemmi fl-Artikolu 28, fuq il-bażi tal-opportunitajiet tas-sajd allokati lill-Istati Membri, jew stabbiliti fil-pjanijiet ta' ġestjoni adottait mill-Istati Membri skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

2. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu opportunitajiet tas-sajd li, abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli, jistgħu jiġu allokati lil bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom għal speċijiet li għalihom il-Kunsill ma jkunx stabbilixxa opportunitajiet tas-sajd.

3. Il-bastimenti tas-sajd għandhom iwettqu attivitajiet tas-sajd biss meta jkollhom opportunitajiet individwali ta' sajd suffiċjenti sabiex ikopru l-qabda potenzjali kollha tagħhom.

4. L-Istati Membri jistgħu jirriservaw sa 5% tal-opportunitajiet tas-sajd. Huma għandhom jistabbilixxu għanijiet u kriterji trasparenti għall-allokazzjoni ta' dawn l-opportunitajiet tas-sajd riservati. Dawk l-opportunitajiet tas-sajd jistgħu jiġu allokati biss lil detenturi eliġibbli ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli kif stipulat fl-Artikolu 28(4).

5. Meta jalloka konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli skont l-Artikolu 28 u meta jalloka opportunitajiet tas-sajd skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, Stat Membru jista' jipprovdi inċentivi lil bastimenti tas-sajd li jużaw irkaptu tas-sajd selettiv li jelimina l-qbid aċċidentali mhux mixtieq fi ħdan l-opportunitajiet ta' sajd assenjati lil dak l-Istat Membru.

6. L-Istati Membri jistgħu jiffissaw tariffi għall-użu ta' opportunitajiet individwali tas-sajd sabiex jikkontribwixxu għall-ispejjeż relatati mal-ġestjoni tas-sajd.

*Artikolu 30*

**Reġistru ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli u ta' opportunitajiet individwali tas-sajd**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu reġistru tal-konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli u tal-opportunitajiet individwali tas-sajd.

*Artikolu 31*

**Trasferiment ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli**

1. Il-konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli jistgħu jiġu trasferiti kollha jew parzjalment ġewwa Stat Membru bejn detenturi eliġibbli ta' konċessjonijiet bħal dawn.

2. Stat Membru jista' jawtorizza t-trasferiment ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli lejn u mingħand Stati Membri oħra.

3. L-Istati Membri jistgħu jirregolaw it-trasferiment ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli billi jipprovdu għall-kundizzjonijiet tat-trasferiment tagħhom abbażi ta' kriterji trasparenti u oġġettivi.

*Artikolu 32*

**Kiri ta' opportunitajiet individwali tas-sajd**

1. L-opportunitajiet individwali tas-sajd jistgħu jiġu mikrija b'mod sħiħ jew parzjali ġewwa Stat Membru.

2. Stat Membru jista' jawtorizza l-kiri ta' opportunitajiet individwali tas-sajd lejn u mingħand Stati Membri oħra.

*Artikolu 33*

**Allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd li mhumiex suġġetti għal sistema ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli**

1. Kull Stat Membru għandu jiddeċiedi kif l-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lilu skont l-Artikolu 16, u li mhumiex suġġetti għal sistema ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli, jistgħu jiġu allokali lil bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu. Huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar il-metodu tal-allokazzjoni.

# PARTI V
# ĠESTJONI TAL-KAPAĊITÀ TAS-SAJD

*Artikolu 34*

**Aġġustament tal-kapaċità tas-sajd**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu miżuri sabiex jaġġustaw il-kapaċità tas-sajd tal-flotot tagħhom biex jiksbu bilanċ effettiv bejn dik il-kapaċità għas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd tagħhom.

2. M'għandu jkun permess l-ebda ħruġ mill-flotta sostnut minn għajnuna pubblika skont il-qafas tal-Fond Ewropew għas-Sajd għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 sakemm ma jkunx hemm qabel l-irtirar tal-liċenzja tas-sajd u l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd.

3. Il-kapaċità tas-sajd li tikkorrispondi għall-bastimenti tas-sajd irtirati b'għajnuna pubblika m'għandhiex tiġi sostitwita.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li mill-1 ta' Jannar 2013 il-kapaċità tas-sajd tal-flotta tagħhom ma taqbiżx, fi kwalunkwe ħin, il-limiti massimi tal-kapaċità tas-sajd stabbiliti skont l-Artikolu 35.

*Artikolu 35*

**Ġestjoni tal-kapaċità tas-sajd**

1. Kull flotta ta' Stat Membru għandha tkun suġġetta għal limiti massimi tal-kapaċità tas-sajd stipulati fl-Anness II.

2. L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni teskludi bastimenti tas-sajd suġġetti għal sistema ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli stabbilita skont l-Artikolu 27 mil-limiti massimi għall-kapaċità tas-sajd stabbiliti skont il-paragrafu 1. F'dak il-każ il-limiti massimi tal-kapaċità tas-sajd għandha tiġi kkalkulata mill-ġdid biex jitqiesu l-bastimenti tas-sajd li mhumiex suġġetti għal sistema ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli.

3. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 dwar il-kalkolu mill-ġdid tal-limiti massimi għall-kapaċità tas-sajd kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2.

*Artikolu 36*
**Reġistri tal-flotot tas-sajd**

1. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw l-informazzjoni meħtieġa għall-ġestjoni tal-miżuri stabbiliti skont dan ir-Regolament dwar il-karatteristiċi u l-attività tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom ipoġġu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi reġistru tal-flotot tas-sajd tal-Unjoni li jkun fih l-informazzjoni li tirċievi skont il-paragrafu 2.

4. L-informazzjoni li tinsab fir-reġistru tal-flotot tas-sajd tal-Unjoni għandha tkun disponibbli għall-Istati Membri kollha. Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 dwar id-definizzjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

5. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi rekwiżiti tekniċi operattivi għall-modalitajiet għat-trasmissjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56.

# PARTI VI
# BAŻI XJENTIFIKA GĦALL-ĠESTJONI TAS-SAJD

*Artikolu 37*
**Rekwiżiti ta' dejta għall-ġestjoni tas-sajd**

1. L-Istati Membri għandhom jiġbru dejta bijoloġika, teknika, ambjentali u soċjoekonomika meħtieġa għal ġestjoni tas-sajd ibbażata fuq l-ekosistema, jimmaniġġjawha u jagħmluha disponibbli għall-utenti finali ta' dejta xjentifika, inklużi korpi maħtura mill-Kummissjoni. Dik id-dejta għandha b'mod partikolari tippermetti l-valutazzjoni ta':

   (a) l-istat tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar sfruttati,

   (b) il-livell ta' sajd u l-impatt li l-attivitajiet tas-sajd ikollhom fuq ir-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u fuq l-ekosistemi tal-baħar,

   (c) il-prestazzjoni soċjoekonomika tas-setturi tas-sajd, l-akkwakultura u l-ipproċessar ġewwa u barra l-ilmijiet tal-Unjoni.

2. L-Istati Membri għandhom:

   (d) jiżguraw li d-dejta miġbura tkun preċiża u affidabbli;

   (e) jevitaw id-duplikazzjoni tal-ġbir ta' dejta għal skopijiet differenti;

(f) jiżguraw ħażna sigura tad-dejta miġbura u fejn applikabbli, protezzjoni u kunfidenzjalità xierqa tad-dejta miġbura;

(g) jiżguraw li l-Kummissjoni, jew l-entitajiet maħtura minnha, ikollhom aċċess għad-dejtabejżis nazzjonali u s-sistemi użati għall-ipproċessar tad-dejta miġbura sabiex tiġi verifikata l-eżistenza u l-kwalità tad-dejta.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-koordinament nazzjonali tal-ġbir u l-ġestjoni tad-dejta xjentifika għall-ġestjoni tas-sajd. Għal dan il-għan, huma għandhom jaħtru korrispondent nazzjonali u jorganizzaw laqgħa annwali ta' koordinazzjoni nazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tiġi infurmata bl-attivitajiet ta' koordinazzjoni nazzjonali u tiġi mistiedna għal-laqgħat ta' koordinazzjoni.

4. L-Istati Membri għandhom jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom ta' ġbir tad-dejta ma' Stati Membri oħra fl-istess reġjun, u jagħmlu kull sforz sabiex jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom ma' pajjiżi terzi li jkollhom sovranità jew ġurisdizzjoni fuq ilmijiet fl-istess reġjun.

5. Il-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' dejta għandhom jitwettqu fil-qafas ta' programm multiannwali sa mill-2014. Programm multiannwali bħal dan għandu jinkludi miri għall-preċiżjoni tad-dejta li għandha tinġabar u għandu jiddefinixxi livelli ta' aggregazzjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' dik id-dejta.

6. Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55, biex tispeċifika l-miri għall-preċiżjoni tad-dejta li għandha tinġabar u biex tiddefinixxi l-livelli ta' aggregazzjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' dejta bħal din, għall-programm multiannwali msemmi fil-paragrafu 5.

7. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi rekwiżiti operattivi tekniċi għall-modalitajiet ta' trażmissjoni tad-dejta miġbura. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56.

*Artikolu 38*

**Programmi ta' riċerka**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw programmi nazzjonali ta' ġbir ta' dejta xjentifika tas-sajd, ta' riċerka u ta' innovazzjoni. Huma għandhom jikkoordinaw il-ġbir tad-dejta tas-sajd, ir-riċerka u l-attivitajiet ta' innovazzjoni tagħhom ma' oqfsa ta' riċerka u innovazzjoni oħra ta' Stati Membri u tal-Unjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw id-disponibbiltà ta' kompetenzi u riżorsi umani rilevanti sabiex ikunu involuti fil-proċess konsultattiv xjentifiku.

# PARTI VII
# POLITIKA ESTERNA

## TITOLU I

# ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI TAS-SAJD

*Artikolu 39*

**Għanijiet**

1. L-Unjoni għandha tipparteċipa fl-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali relatati mas-sajd, fosthom l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) b'mod konformi mal-obbligi internazzjonali u l-għanijiet tal-politika u konsistenti mal-għanijiet stipulati fl-Artikoli 2 u 3.

2. Il-pożizzjonijiet tal-Unjoni f'organizzazzjonijiet internazzjonali relatati mas-sajd u l-RFMOs għandha tkun ibbażata fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli sabiex ikun żgurat li r-riżorsi tas-sajd jinżammu 'l fuq jew jerġgħu jinġiebu 'l fuq minn livelli li kapaċi jipproduċu rendiment massimu sostenibbli.

3. L-Unjoni għandha tikkontribwixxi attivament għal, u tappoġġja l-iżvilupp ta' għarfien u parir xjentifiku fl-RFMOs u l-organizzazzjonijiet internazzjonali.

*Artikolu 40*

**Konformità ma' dispożizzjonijiet internazzjonali**

L-Unjoni għandha tikkoopera ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali relatati mas-sajd, fosthom l-RFMOs, sabiex issaħħaħ il-konformità mal-miżuri adottati minn dawn l-organizzazzjonijiet internazzjonali.

# TITOLU II
# FTEHIMIET DWAR IS-SAJD SOSTENIBBLI

*Artikolu 41*

**Prinċipji u għanijiet tal-Ftehimiet dwar is-Sajd Sostenibbli**

1. Il-Ftehimiet dwar is-Sajd Sostenibbli ma’ pajjiżi terzi għandhom jistabbilixxu qafas ta’ governanza legali, ekonomiku u ambjentali għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f’ilmijiet ta’ pajjiżi terzi.

2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jaqbdu biss l-eċċess tal-qabda permessibbli determinata mill-pajjiż terz kif imsemmi fl-Artikolu 62(2) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, u identifikat abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli u informazzjoni rilevanti skambjata bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz dwar l-isforz totali tas-sajd fuq l-istokkijiet affettwati, sabiex ikun żgurat li r-riżorsi tas-sajd jibqgħu 'l fuq mil-livelli kapaċi li jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli.

*Artikolu 42*
**Għajnuna finanzjarja**

1. L-Unjoni għandha tipprovdi għajnuna finanzjarja lil pajjiżi terzi permezz ta' Ftehimiet dwar is-Sajd sostenibbli sabiex:

(a) issostni parti mill-ispiża tal-aċċess għar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi;

(b) tistabbilixxi qafas ta' governanza, inklużi l-iżvilupp u ż-żamma ta' istituzzjonijiet xjentifiċi u ta' riċerka neċessarji, il-kapaċità ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza u elementi oħra ta' bini tal-kapaċità li għandhom x'jaqsmu mal-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli mmexxija mill-pajjiż terz. Għanjuna finanzjarja bħal din tkun ikkundizzjonata mill-kisba ta' riżultati speċifiċi.

# PARTI VIII
# AKKWAKULTURA

*Artikolu 43*
**Promozzjoni tal-akkwakultura**

1. Bil-ħsieb li jiġu promossi s-sostenibbiltà, il-kontribuzzjoni għas-sigurtà tal-ikel, it-tkabbir u l-impjiegi, sal-2013 il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi linji gwida strateġiċi mhux vinkolanti tal-Unjoni dwar prijoritajiet u miri komuni għall-iżvilupp tal-attivitajiet tal-akkwakultura. Linji gwida strateġiċi bħal dawn għandhom iqisu l-pożizzjonijiet tal-bidu rilevanti u ċ-ċirkustanzi differenti madwar l-Unjoni, għandhom jiffurmaw il-bażi għal pjanijiet strateġiċi nazzjonali multiannwali u għandhom jimmiraw lejn:

   (a) it-titjib tal-kompetittività tal-industrija tal-akkwakultura u s-sostenn għall-iżvilupp tagħha u l-innovazzjoni;

   (b) l-inkoraġġiment tal-attività ekonomika;

   (c) id-diversifikazzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ħajja fiż-żoni kostali u rurali;

   (d) kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi tal-akkwakultura fir-rigward tal-aċċess għall-ilmijiet u l-ispazju.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pjan strateġiku nazzjonali multiannwali għall-iżvilupp ta' attivitajiet ta' akkwakultura fuq it-territorju tagħhom sal-2014.

3. Il-pjan strateġiku nazzjonali multiannwali għandu jinkludi l-għanijiet tal-Istat Membru u l-miżuri sabiex jintlaħqu.

4. Il-pjanijiet strateġiċi nazzjonali multiannwali għandhom jimmiraw b'mod partikolari għal dan li ġej:

   (a) simplifikazzjoni amministrattiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-liċenzji;

(b) ċertezza għall-operaturi tal-akkwakultura fir-rigward tal-aċċess għall-ilmijiet u l-ispazju;

(c) indikaturi għas-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali;

(d) valutazzjoni ta' effetti transkonfinali oħra li jista' jkun hemm fuq Stati Membri ġirien.

5. L-Istati Membri għandhom jiskambjaw informazzjoni u l-aqwa prassi permezz ta' metodu miftuħ ta' koordinazzjoni tal-miżuri nazzjonali kontenuti fi pjanijiet strateġiċi multiannwali.

*Artikolu 44*
**Konsultazzjoni mal-Kunsilli Konsultattivi**

Għandu jiġi stabbilit Kunsill Konsultattiv skont l-Artikolu 53.

# PARTI IX
# ORGANIZZAZZJONI KOMUNI TAS-SUQ

*Artikolu 45*
**Għanijiet**

1. Għandha tiġi stabbilita organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura sabiex:

(a) tikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3;

(b) l-industrija tas-sajd u l-akkwakultura tkun tista' tapplika l-Politika Komuni tas-Sajd fil-livell xieraq;

(c) issaħħaħ il-kompetittività tal-industrija tas-sajd u l-akkwakultura tal-Unjoni, b'mod partikolari l-produtturi;

(d) ittejjeb it-trasparenza tas-swieq, b'mod partikolari fir-rigward tal-għarfien u l-fehim tas-swieq tal-Unjoni għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura tul il-katina tal-provvista u l-għarfien tal-konsumaturi;

(e) tikkontribwixxi lejn l-iżgurar ta’ għoti ta’ opportunitajiet indaqs għall-prodotti kollha kkumerċjalizzati fl-Unjoni billi tippromwovi l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd.

2. Il-Politika tas-Suq għandha tapplika għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura elenkati fl-Anness I għal [ir-Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura], li jiġu kummerċjalizzati fl-Unjoni.

3. L-organizzazzjoni komuni tas-swieq għandhom tinkludi b'mod partikolari:

(a) l-organizzazzjoni tal-industrija fosthom miżuri għall-istabbilizzazzjoni tas-suq;

(b) standards komuni għat-tqegħid fis-suq.

# PARTI X
# KONTROLL U INFURZAR

*Artikolu 46*

**Għanijiet**

1. Il-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd għandha tiġi żgurata permezz ta' sistema effettiva tal-Unjoni għall-kontroll tas-sajd, li tinkludi l-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU).

2. Is-sistema ta' kontroll tas-sajd tal-Unjoni għandha tkun ibbażata b'mod partikolari fuq:

(a) approċċ globali u integrat;

(b) l-użu ta' teknoloġiji moderni ta' kontroll għad-disponibbiltà u l-kwalità tad-dejta dwar is-sajd;

(c) strateġija bbażata fuq ir-riskju ffukata fuq kontrolli sistematiċi u awtomatizzati tad-dejta rilevanti kollha disponibbli;

(d) l-iżvilupp ta' kultura ta' konformità fost l-operaturi;

(e) l-istabbiliment ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi.

*Artikolu 47*

**Proġetti pilota dwar teknoloġiji ta' kontroll u sistemi ta' ġestjoni tad-dejta ġodda**

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jwettqu proġetti pilota dwar teknoloġiji ta' kontroll u sistemi ta' ġestjoni tad-dejta ġodda.

2. Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 fir-rigward ta' regoli għat-twettiq ta' proġetti pilota dwar teknoloġiji ta' kontroll u sistemi ta' ġestjoni tad-dejta ġodda.

*Artikolu 48*

**Kontribuzzjoni għall-kosti ta’ kontroll, spezzjoni u infurzar**

L-Istati Membri jistgħu jesiġu li d-detenturi ta' liċenzja tas-sajd għal bastimenti tas-sajd b'tul globali ta' 12-il metru jew aktar li jtajru l-bandiera tagħhom jikkontribwixxu b'mod proporzjonali għall-ispejjeż tal-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll tas-sajd tal-Unjoni.

# PARTI XI
# STRUMENTI FINANZJARJI

*Artikolu 49*
**Għanijiet**

Tista' tingħata għajnuna finanzjarja mill-Unjoni sabiex tikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3.

*Artikolu 50*
**Kundizzjonijiet għall-għajnuna finanzjarja lill-Istati Membri**

1. L-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lill-Istati Membri għandha tkun kundizzjonali fuq il-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd mill-Istati Membri.

2. In-nuqqas ta' konformità mill-Istati Membri, mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, tista' twassal għall-interruzzjoni jew is-sospensjoni tal-ħlasijiet jew għall-applikazzjoni ta' korrezzjoni finanzjarja għall-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni skont il-Politika Komuni tas-Sajd. Dawn il-miżuri għandhom ikunu proporzjonati man-natura, il-firxa, id-dewmien u r-ripetizzjoni tan-nuqqas ta' konformità.

*Artikolu 51*
**Kundizzjonijiet għall-għajnuna finanzjarja lill-operaturi**

1. L-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lill-operaturi għandha tkun kundizzjonali fuq il-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd mill-operaturi.

2. Ksur serju mill-operaturi tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, għandu jirriżulta fi projbizzjonijiet temporanji jew permanenti fuq l-aċċess għall-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni u/jew l-applikazzjoni ta' tnaqqis finanzjarju. Dawn il-miżuri għandhom ikunu proporzjonati man-natura, il-firxa, id-dewmien u r-ripetizzjoni tal-ksur serju.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni tingħata biss jekk ma tkun ġiet imposta l-ebda sanzjoni għal ksur serju lill-operatur ikkonċernat sa perjodu ta' sena (1) qabel id-data tal-applikazzjoni għall-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni.

# PARTI XII
# KUNSILLI KONSULTATTIVI

*Artikolu 52*
**Kunsilli Konsultattivi**

1. Huma stabbiliti Kunsilli Konsultattivi għal kull qasam ta' kompetenza stipulat fl-Anness III, sabiex jippromwovu rappreżentanza bilanċjata tal-partijiet interessati kollha u sabiex jikkontribwixxu għall-kisba tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3.

2. Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 fir-rigward tal-emendi f'dak l-Anness b'rabta mal-bidliet fl-oqsma ta' kompetenza jew sabiex toħloq oqsma ta' kompetenza ġodda għall-Kunsilli Konsultattivi jew biex toħloq Kunsilli Konsultattivi ġodda.

3. Kull Kunsill Konsultattiv għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu.

*Artikolu 53*
**Kompiti tal-Kunsilli Konsultattivi**

1. Il-Kunsilli Konsultattivi jistgħu:

   (a) jissottomettu rakkomandazzjonijiet u suġġerimenti dwar kwistjonijiet relatati mal-ġestjoni tas-sajd u l-akkwakultura lill-Kummissjoni jew lill-Istat Membru kkonċernat;

   (b) jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar problemi relatati mal-ġestjoni tas-sajd u tal-akkwakultura fil-qasam ta' kompetenza tagħhom;

   (c) jikkontribwixxu, f'kooperazzjoni mill-qrib max-xjenzati, għall-ġbir, il-forniment u l-analiżi tad-dejta neċessarja għall-iżvilupp ta' miżuri ta' konservazzjoni.

2. Il-Kummissjoni u, fejn ikun rilevanti, l-Istat Membru kkonċernat, għandhom iwieġbu fi żmien raġonevoli ta' żmien għal kwalunkwe rakkomandazzjoni, suġġeriment jew informazzjoni riċevuti skont il-paragrafu 1.

*Artikolu 54*
**Kompożizzjoni, funzjonament u ffinanzjar tal-Kunsilli Konsultattivi**

1. Il-Kunsilli Konsultattivi għandhom ikunu komposti minn organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-operaturi tas-sajd u gruppi oħra ta' interess affettwati mill-Politika Komuni tas-Sajd.

2. Kull Kunsill Konsultattiv għandu jkun magħmul minn assemblea ġenerali u kumitat eżekuttiv u għandu jadotta l-miżuri neċessarji għall-organizzazzjoni tiegħu u biex jiżgura t-trasparenza u r-rispett tal-opinjonijiet kollha espressi.

3. Il-Kunsilli Konsultattivi jistgħu japplikaw għal għajnuna finanzjarja tal-Unjoni bħala korpi li qegħdin isegwu għan ta' interess Ewropew ġenerali.

4. Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 fir-rigward tal-kompożizzjoni u l-funzjonament tal-Kunsilli Konsultattivi.

# PARTI XIII
# DISPOŻIZZJONIJIET PROĊEDURALI

*Artikolu 55*

**Eżerċizzju tad-delegazzjoni**

1. Is-setgħa li tadotta atti ddelegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Id-delegazzjoni tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 12(2), 15(6), 20(1) u (2), 24(1) u (2), 35(3), 36(4), 37(6), 47(2), 52(2), 54(4) għandha tingħata għal perjodu ta' żmien indeterminat mill-1 ta' Jannar 2013.

3. Id-delegazzjoni tas-setgħa imsemmija fl-Artikoli 12(2), 15(6), 20(1) u (2), 24(1) u (2), 35(3), 36(4), 37(6), 47(2), 52(2). 54(4) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delegazzjoni tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data iżjed tard speċifikata fiha. Hija m'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att iddelegat li diġà jkun fis-seħħ.

4. Malli tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att iddelegat adottat skont l-Artikoli 12(3), 15(4), 20(1) u (2), 24(1) u (2), 35(3), 36(4), 37(7), 47(2), 52(2), 54(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien (2) xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn (2) fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 56*

**Implementation**

Fl-implimentazzjoni tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat tas-sajd u tal-akkwakultura. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

# Parti XIV
# DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 57*

**Tħassir**

1. Ir-Regolament (KE) Nru 2371/2002 huwa mħassar.

   Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jittieħdu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

2. Id-Deċiżjoni (KE) Nru 2004/585 hija b'dan imħassra b'effett mid-dħul fis-seħħ tar-regoli adottati skont l-Artikoli 51(4) u 52(4).

3. L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1954/2003 għandu jitħassar.

4. Ir-Regolament (KE) Nru 199/2008 huwa mħassar.

5. Ir-Regolament (KE) Nru 639/2004 huwa mħassar.

*Artikolu 58*

**Miżuri tranżitorji**

Minkejja l-Artikolu 57(4), ir-Regolament (KE) Nru 199/2008 għandu jkompli japplika għall-programmi nazzjonali adottati għall-ġbir u l-ġestjoni tad-dejta għas-snin 2011 - 2013.

*Artikolu 59*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

**ANNESS I**

AĊĊESS GĦALL-ILMIJIET KOSTALI SKONT IT-TIFSIRA TAL-ARTIKOLU 6(2)

## 1. ILMIJIET KOSTALI TAR-RENJU UNIT

### A. AĊĊESS GĦAL FRANZA

| Żona ġeografika | Speċi | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| **Kosta tar-Renju Unit (6 sa 12-il mil nawtiku)** | | |
| 1. Berwick-upon-Tweed lejn il-Lvant<br>Coquet Island lejn il-Lvant | Aringa | Bla limitu |
| 2. Flamborough Head lejn il-Lvant<br>Spurn Head lejn il-Lvant | Aringa | Bla limitu |
| 3. Lowestoft lejn il-Lvant<br>Lyme Regis lejn in-Nofsinhar | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| 4. Lyme Regis lejn in-Nofsinhar<br>Eddystone lejn in-Nofsinhar | Demersali | Bla limitu |
| 5. Eddystone lejn in-Nofsinhar<br>Longships lejn il-Lbiċ | Demersali<br>Arzell<br>Awwista<br>Crawfish | Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu |
| 6. Longships lejn il-Lbiċ<br>Hartland Point lejn il-Majjistral | Demersali<br>Crawfish<br>Awwista | Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu |
| 7. Hartland Point sa linja mit-Tramuntana ta' Lundy | Demersali | Bla limitu |

| | | |
|---|---|---|
| Island | | |
| 8. Minn linja lejn il-Punent ta' Lundy Island sa Cardigan Harbour | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| 9. Point Lynas lejn it-Tramuntana<br>Morecambe Light Vessel lejn il-Lvant | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| 10. County Down | Demersali | Bla limitu |
| 11. New Island lejn il-Grigal<br>Sanda Island lejn il-Lbiċ | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| 12. Port Stewart lejn it-Tramuntana<br>Barra Head lejn il-Punent | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| 13. Latitudni 57°40'N<br>Butt of Lewis lejn il-Punent | L-ispeċijiet kollha<br>Għajr il-frott tal-baħar bil-qoxra | Bla limitu |
| 14. St Kilda, Flannan Islands | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| 15. Fil-Punent tal-linja li tgħaqqad il-fanal ta' Butt of Lewis mal-punt 59°30'N-5°45'W | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |

B. **AĊĊESS GĦALL-IRLANDA**

| **Żona ġeografika** | **Speċi** | **Importanza jew karatteristiċi partikolari** |
|---|---|---|
| **Kosta tar-Renju Unit (6 sa 12-il mil nawtiku)** | | |
| 1. Point Lynas lejn it-Tramuntana | Demersali | Bla limitu |
| Mull of Galloway lejn in- | Nephrops | Bla limitu |

| | | |
|---|---|---|
| Nofsinhar | | |
| 2. Mull of Oa lejn il-Punent<br>Barra Head lejn il-Punent | Demersali<br>Nephrops | Bla limitu<br>Bla limitu |

C. **AĊĊESS GĦALL-ĠERMANJA**

| **Żona ġeografika** | **Speċi** | **Importanza jew karatteristiċi partikolari** |
|---|---|---|
| **Kosta tar-Renju Unit (6 sa 12-il mil nawtiku)** | | |
| 1. Lvant ta' Shetlands u Fair Isle bejn linji mpinġija lejn ix-Xlokk mill-fanal ta' Sumburgh Head lejn il-Grigal mill-fanal ta' Skroo u lejn il-Lbiċ mill-fanal ta' Skadan | Aringa | Bla limitu |
| 2. Berwick-upon-Tweed lejn il-Lvant, il-fanal Whitby High lejn il-Lvant | Aringa | Bla limitu |
| 3. Il-fanal North Foreland lejn il-Lvant, il-fanal ġdid Dungeness lejn in-Nofsinhar | Aringa | Bla limitu |
| 4. Iż-żona madwar St Kilda | Aringa<br>Kavall | Bla limitu<br>Bla limitu |
| 5. Il-fanal ta' Butt of Lewis lejn il-Punent sal-linja li tgħaqqad il-fanal ta' Butt of Lewis u l-punt 59°30'N-5°45'W | Aringa | Bla limitu |
| 6. Iż-żona madwar North Rona u Sulisker (Sulasgeir) | Aringa | Bla limitu |

D. **AĊĊESS GĦALL-PAJJIŻI L-BAXXI**

| **Żona ġeografika** | **Speċi** | **Importanza jew karatteristiċi partikolari** |
|---|---|---|
| **Kosta tar-Renju Unit (6 sa 12-il mil nawtiku)** | | |
| 1. Lvant ta' Shetlands u Fair Isle bejn linji mpinġija fid-direzzjoni tax-Xlokk mill-fanal ta' Sumburgh Head fid- | Aringa | Bla limitu |

| | | |
|---|---|---|
| direzzjoni tal-Grigal mill-fanal ta' Skroo u fid-direzzjoni tal-Lbiċ mill-fanal ta' Skadan | | |
| 2. Berwick upon Tweed lejn il-Lvant, Flamborough Head lejn il-Lvant | Aringa | Bla limitu |
| 3. North Foreland lejn il-Lvant, il-fanal ġdid Dungeness lejn in-Nofsinhar | Aringa | Bla limitu |

E. **AĊĊESS GĦALL-BELĠJU**

| **Żona ġeografika** | **Speċi** | **Importanza jew karatteristiċi partikolari** |
|---|---|---|
| **Kosta tar-Renju Unit (6 sa 12-il mil nawtiku)** | | |
| 1. Berwick upon Tweed lejn il-Lvant<br>Coquer Island lejn il-Lvant | Aringa | Bla limitu |
| 2. Cromer lejn it-Tramuntana<br>North Foreland lejn il-Lvant | Demersali | Bla limitu |
| 3. North Foreland lejn il-Lvant<br>Fanal il-ġdid ta' Dungeness lejn in-Nofsinhar | Demersali<br>Aringa | Bla limitu<br>Bla limitu |
| 4. Il-fanal ġdid Dungeness lejn in-Nofsinhar, Selsey Bill lejn in-Nofsinhar | Demersali | Bla limitu |
| 5. Straight Point lejn ix-Xlokk, South Bishop lejn il-Majjistral | Demersali | Bla limitu |

**2. ILMIJIET KOSTALI TAL-IRLANDA**

**A. AĊĊESS GĦAL FRANZA**

| **Żona ġeografika** | **Speċi** | **Importanza jew karatteristiċi partikolari** |
|---|---|---|
| **Kosta Irlandiża (6 sa 12-il mil nawtiku)** | | |
| 1. Erris Head lejn il-Majjistral | Demersali | Bla limitu |

MT MT

| | | |
|---|---|---|
| Sybil Point lejn il-Punent | Nephrops | Bla limitu |
| 2. Mizen Head lejn in-Nofsinhar | Demersali | Bla limitu |
| Stags lejn in-Nofsinhar | Nephrops | Bla limitu |
| | Kavall | Bla limitu |
| 3. Stags lejn in-Nofsinhar | Demersali | Bla limitu |
| Cork lejn in-Nofsinhar | Nephrops | Bla limitu |
| | Kavall | Bla limitu |
| | Aringa | Bla limitu |
| 4. Cork south, Carnsore Point lejn in-Nofsinhar | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| 5. Carnsore Point south, Haulbowline lejn il-Lbiċ | L-ispeċijiet kollha,<br>għajr il-frott tal-baħar bil-qoxra | Bla limitu |

**B. AĊĊESS GĦAR-RENJU UNIT**

| **Żona ġeografika** | **Speċi** | **Importanza jew karatteristiċi partikolari** |
|---|---|---|
| **Kosta Irlandiża (6 sa 12-il mil)** | | |
| 1. Mine Head lejn in-Nofsinhar | Demersali | Bla limitu |
| Hook Point | Aringa | Bla limitu |
| | Kavall | Bla limitu |
| 2. Hook Point | Demersali | Bla limitu |
| Carlingford Lough | Aringa | Bla limitu |
| | Kavall | Bla limitu |
| | Nephrops | Bla limitu |

| | | |
|---|---|---|
| | Arzell | Bla limitu |

**C. AĊĊESS GĦALL-PAJJIŻI L-BAXXI**

| **Żona ġeografika** | **Speċi** | **Importanza jew karatteristiċi partikolari** |
|---|---|---|
| **Kosta Irlandiża (6 sa 12-il mil)** | | |
| 1. Stags lejn in-Nofsinhar | Aringa | Bla limitu |
| Carnsore Point lejn in-Nofsinhar | Kavall | Bla limitu |

**D. AĊĊESS GĦALL-ĠERMANJA**

| **Żona ġeografika** | **Speċi** | **Importanza jew karatteristiċi partikolari** |
|---|---|---|
| **Kosta Irlandiża (6 sa 12-il mil nawtiku)** | | |
| 1. Old Head of Kinsale lejn in-Nofsinhar<br>Carnsore Point lejn in-Nofsinhar | Aringa | Bla limitu |
| 2. Cork lejn in-Nofsinhar<br>Carnsore Point lejn in-Nofsinhar | Kavall | Bla limitu |

**E. AĊĊESS GĦALL-BELĠJU**

| **Żona ġeografika** | **Speċi** | **Importanza jew karatteristiċi partikolari** |
|---|---|---|
| **Kosta Irlandiża (6 sa 12-il mil nawtiku)** | | |
| 1. Cork lejn in-Nofsinhar<br>Carnsore Point lejn in-Nofsinhar | Demersali | Bla limitu |
| 2. Wicklow Head lejn il-Lvant<br>Carlingford Lough lejn il-Lbiċ | Demersali | Bla limitu |

### 3. ILMIJIET KOSTALI TAL-BELĠJU

| **Żona ġeografika** | **Stat Membru** | **Speċi** | **Importanza jew karatteristiċi partikolari** |
|---|---|---|---|
| 3 sa 12-il mil nawtiku | Il-Pajjiżi l-Baxxi | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| | Franza | Aringa | Bla limitu |

### 4. ILMIJIET KOSTALI TAD-DANIMARKA

| **Żoni ġeografiċi** | **Stat Membru** | **Speċi** | **Importanza jew karatteristiċi partikolari** |
|---|---|---|---|
| Il-kosta tal-Baħar tat-Tramuntana (il-fruntiera Daniża/Ġermaniża sa Hanstholm)<br>(6 sa 12-il mil nawtiku) | Il-Ġermanja | Ħuta ċatta<br>Gambli u gambli kbar | Bla limitu<br>Bla limitu |
| Il-fruntiera Daniża/Ġermaniża sa Blåvands Huk | Il-Pajjiżi l-Baxxi | Ħuta ċatta<br>Ħuta tonda | Bla limitu<br>Bla limitu |
| Blåvands Huk sa Bovbjerg | Il-Belġju | Merluzz | Bla limitu biss matul Ġunju u Lulju |
| | | Haddock | Bla limitu biss matul Ġunju u Lulju |
| | Il-Ġermanja | Ħuta ċatta | Bla limitu |
| | Il-Pajjiżi l-Baxxi | Barbun tat-tbajja' | Bla limitu |
| | | Lingwata | Bla limitu |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Thyborøn sa Hanstholm | Il-Belġju | Merlangu | Bla limitu biss matul Ġunju u Lulju |
| | | Barbun tat-tbajja’ | Bla limitu biss matul Ġunju u Lulju |
| | Il-Ġermanja | Ħuta ċatta | Bla limitu |
| | | Laċċa kaħla | Bla limitu |
| | | Merluzz | Bla limitu |
| | | Pollakju (saithe) | Bla limitu |
| | | Haddock | Bla limitu |
| | | Kavall | Bla limitu |
| | | Aringa | Bla limitu |
| | | Merlangu | Bla limitu |
| | Il-Pajjiżi l-Baxxi | Merluzz | Bla limitu |
| | | Barbun tat-tbajja’ | Bla limitu |
| | | Lingwata | Bla limitu |
| Skagerrak<br>(Hanstholm sa Skagen)<br>(4 sa 12-il mil nawtiku) | Il-Belġju | Barbun tat-tbajja’ | Bla limitu biss matul Ġunju u Lulju |
| | Il-Ġermanja | Ħuta ċatta<br>Laċċa kaħla<br>Merluzz<br>Pollakju (saithe) | Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Il-Pajjiżi l-Baxxi | Haddock<br>Kavall<br>Aringa<br>Merlangu<br>Merluzz<br>Barbun tat-tbajja’<br>Lingwata | Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu<br>Bla limitu |
| Kattegat<br>(3 sa 12-il mil) | Il-Ġermanja | Merluzz | Bla limitu |
| | | Ħuta ċatta | Bla limitu |
| | | Nephrops | Bla limitu |
| | | Aringa | Bla limitu |
| Tramuntana of Zeeland sal-parallel tal-latitutni li tgħaddi minn ġol-fanal ta' Forsnæs | Il-Ġermanja | Laċċa kaħla | Bla limitu |
| Baħar Baltiku<br>(inklużi Belts, Sound, Bornholm) 3 sa 12-il mil nawtiku | Il-Ġermanja | Ħuta ċatta | Bla limitu |
| | | Merluzz | Bla limitu |
| | | Aringa | Bla limitu |
| | | Laċċa kaħla | Bla limitu |
| | | Sallura | Bla limitu |
| | | Salamun | Bla limitu |
| | | Merlangu | Bla limitu |
| | | Kavall | Bla limitu |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Skagerrak<br><br>(4 sa 12-il mil) | L-Isvezja | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| Kattegat<br><br>(3 (*) sa 12-il mil) | L-Isvezja | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| Baħar Baltiku<br><br>(3 sa 12-il mil) | L-Isvezja | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| (*) Imkejla mil-linja tal-kosta. | | | |

**5. ILMIJIET KOSTALI TAL-ĠERMANJA**

| **Żona ġeografika** | **Stat Membru** | **Speċi** | **Importanza jew karatteristiċi partikolari** |
|---|---|---|---|
| Il-kosta tal-Baħar tat-Tramuntana<br><br>(3 sa 12-il mil nawtiku)<br><br>il-kosti kollha | Id-Danimarka | Demersali | Bla limitu |
| | | Laċċa kaħla | Bla limitu |
| | | Sallura tar-ramel | Bla limitu |
| | Il-Pajjiżi l-Baxxi | Demersali | Bla limitu |
| | | Gambli u gambli kbar | Bla limitu |
| Il-fruntiera Daniża/Ġermaniża sal-ponta ta' fuq ta' Amrum f'54°43′N | Id-Danimarka | Gambli u gambli kbar | Bla limitu |
| Iż-żona madwar Helgoland | Ir-Renju Unit | Merluzz | Bla limitu |
| | | Barbun tat-tbajja’ | Bla limitu |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Il-kosta Baltika<br>(3 sa 12-il mil) | Id-Danimarka | Merluzz | Bla limitu |
| | | Barbun tat-tbajja' | Bla limitu |
| | | Aringa | Bla limitu |
| | | Laċċa kaħla | Bla limitu |
| | | Sallura | Bla limitu |
